**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Każ Nru. 244/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Keith Pace**

**Illum 28 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Keith Pace**, iben Lawrence u Emmanuela neè Vella, imwieled il-Pietà fl-10 ta' Lulju 1980 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 327480(M), talli:

1. Nhar il-5 ta' Diċembru 2018, minn fond numru 205 imsemmi "Arcadia" Triq il-Kungress Ewkaristiku ġewwa l-Mosta u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Joseph Delicata, li hija persuna ta' sebgħin sena, u/jew ta' xi persuni u/jew entità u/jew entitajiet oħra bi ksur ta' l-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 267, 269, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli bejn nhar il-5 ta' Diċembru 2018 u nhar it-12 ta' April 2019, f'dawn il-gżejjer laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar it-18 ta' Jannar 2019, minn fond numru 334, Triq il-Kbira San Ġużepp, ġewwa Santa Venera, u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Maria Muscat, li hija persuna ta' erbgħa u sebħgin

sena, u/jew ta' xi persuni u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra bi ksur ta' l-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 267, 269, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ukoll talli bejn nhar it-18 ta' Jannar 2019 u nhar is-7 ta' April 2019, f'dawn il-gżejjer laqgħa għandu ħwejjeġ misruqa u cioè ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Ukoll talli nhar it-12 ta' April 2019, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) ġewwa l-fond numru 49, Triq Stiefnu Zerafa ġewwa l-Marsa, xjentement issoprima u/jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat bi ksur ta' l-Artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Ukoll talli nhar it-12 ta' April 2019, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) ġewwa l-fond numru 49, Triq Stiefnu Zerafa, ġewwa l-Marsa, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta' ħaddieħor bi ħsara ta' l-fuq minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Ukoll talli b'hekk kiser waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digrieti għall-ħelsien mill-arrest akkordat lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Simone Grech nhar is-16 ta' Ottubru 2018, liema kondizzjonijiet kienu mogħtija lilu kontra depożitu ta' mitejn Euro (€200) u garanzija personali ta' ħamest elef Euro (€5,000). Dan bi ksur ta' l-Artikolu 579 *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Ukoll talli kkommetta reat fil-perijodu effettiv ta' sentenza sospiża, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. MarseAnn Farrugia nhar l-14 ta' Ġunju 2017, bi ksur ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Ukoll talli kkommetta reat fil-perijodu ta' Probation u Servizz fil-Komunità impost fuqu b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud nhar is-17ta' Jannar 2017;

10. Ukoll talli b'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'kaz ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lil Keith Pace għall-ħlas lir-Reġistratur ta' l-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, inklużi dawk ta' l-Esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-procès-verbal ta' l-Inkjesta, hekk kif maħsub fl-Artikolu 533 *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-16 ta' April 2019 markati Dok. "SP2" u Dok. "SP3" a fol. 15 sa' 55 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Shawn Pawney mogħtija waqt is-seduti tal-25 ta' April 2019[2], tas-6 ta' Mejju 2019[3] u ta' l-24 ta' Settembru 2019[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SP1" sa' Dok. "SP9" a fol. 89 sa' 103 tal-proċess u d-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 199 sa' 236 tal-proċess , semgħet ix-xhieda ta' PS430 Andrew St. John[5], ta' PS1462 Joseph Attard[6], ta' Josephine Delicata[7] u ta' Maria Muscat[8] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 u rat id-dokumenti esebiti minn PS430 Andrew St. John markati Dok. "ASJ1" sa' Dok. "ASJ5"[9] u d-dokumenti esebiti minn Josephine Delicata markati Dok. "JD" u Dok. "JD2" a fol. 113 sa' 117 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Anthony Bonnici[10], in rappreżentanza ta' GO p.l.c., ta' l-Ispettur Joseph Mercieca[11], tas-Social Worker Jacqueline Zammit[12] u ta' Noel Cassar[13], in rappreżentanza tal-Caritas, ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019 u rat id-dokument esebit minn Anthony Bonnici markat Dok. "AB" a fol. 142 sa' 148 tal-proċess, id-dokument esebit mill-Ispettur Joseph Mercieca markat Dok. "JM" a fol. 153 tal-proċess u d-dokument esebit minn Noel Cassar markat Dok. "NC" a fol. 159 tal-proċess, rat il-Procès-Verbal bin-Numru 374/19 a fol. 160 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar[14], ta' PC405 Jason Schembri[15] u ta' PC1491 Kurt Attard[16], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2019, semgħet ix-xhieda ta' PS90 Jeffrey Gerada[17], ta' PS180 Fabian Aquilina[18] u ta' PC1049 William Grech[19], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019 u semgħet ix-xhieda

[1] Fol. 12 tal-proċess.

[2] Fol. 73 sa' 76 tal-proċess.

[3] Fol. 86 sa' 88 tal-proċess.

[4] Fol. 197 u 198 tal-proċess.

[5] Fol. 79 sa' 84 tal-proċess.

[6] Fol. 104 sa' 106 tal-proċess.

[7] Fol. 107 sa' 112 tal-proċess.

[8] Fol. 118 sa' 120 tal-proċess.

[9] Dok. "ASJ1" a fol. 85 tal-proċess, Dok. "ASJ3" sa' Dok. "ASJ5" - Esebit Nru. KA232/2019, fol. 131 tal-proċess.

[10] Fol. 141 tal-proċess.

[11] Fol. 149 sa' 152 tal-proċess.

[12] Fol. 154 sa' 156 tal-proċess.

[13] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

[14] Fol. 195 u 196 tal-proċess.

[15] Fol. 237 tal-proċess.

[16] Fol. 238 u 239 tal-proċess.

[17] Fol. 241 u 242 tal-proċess.

[18] Fol. 243 tal-proċess.

[19] Fol. 244 sa' 246 tal-proċess.

ta' PC788 Keith Scerri[20], ta' l-Avukat Dr. Anthony Cutajar[21] u ta' PC958 Xavier Agius[22], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2019, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Raisa Colombo mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Novembru 2019[23] u tat-13 ta' Frar 2020 u rat it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija Eżekuttiva imħejjija minnha markati Dok. "X" a fol. 261 sa' 301 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joseph Mallia mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Jannar 2020[24], tat-13 ta' Frar 2020[25] u tad-19 ta' Ottubru 2020[26] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JM" a fol. 325 sa' 331 tal-proċess u r-Relazzjoni ulterjuri tiegħu markata Dok. "JMX" a fol. 424 sa' 435 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Wayne Camilleri[27] u ta' Maria Dolores Fenech, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2020 u rat id-dokumenti esebiti minn Maria Dolores Fenech[28] markati Dok. "F1" u Dok. "F2" a fol. 343 sa' 368 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stefania Scicluna, Deputat Reġistratur[29], u ta' PC1111 Braden Borg[30] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020 u rat il-Procès-Verbal bin-Numru 955/19 a fol. 375 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC1111 Braden Borg markat Dok. "BBX" a fol. 378 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Godwin Scerri mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2020[31] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GS" u Dok. "GS1" a fol. 386 sa' 388 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku l-Avukat Dr. Martin Bajada mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020[32] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MB" a fol. 398 sa' 416 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Lee Satariano[33] u ta' Eunice Grech Fiorini[34], Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2021 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Lee Satariano markata Dok. "LS" a fol. 449 sa' 452 tal-proċess u rat id-dokumenti esebiti minn Eunice Grech Fiorini markati Dok. "EG1" sa' Dok. "EG16" a fol. 455 sa' 556 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Kenneth Vassallo mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2021[35] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KV" a fol. 561 sa' 565 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Gejtu Pace mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2021[36] u x-xhieda ta' Antoinette

---

[20] Fol. 254 u 255 tal-proċess.

[21] Fol. 256 tal-proċess.

[22] Fol. 257 u 258 tal-proċess.

[23] Fol. 259 u 260 tal-proċess.

[24] Fol. 317 tal-proċess.

[25] Fol. 333 u 334 tal-proċess.

[26] Fol. 423 tal-proċess.

[27] Fol. 339 sa' 341 tal-proċess.

[28] Fol. 342 tal-proċess.

[29] Fol. 374 tal-proċess.

[30] Fol. 376 u 377 tal-proċess.

[31] Fol. 382 sa' 385 tal-proċess.

[32] Fol. 397 tal-proċess.

[33] Fol. 447 u 448 tal-proċess.

[34] Fol. 453 u 454 tal-proċess.

[35] Fol. 559 u 560 tal-proċess.

[36] Fol. 568 sa' 570 tal-proċess.

Rapinett mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021[37] u semgħet ix-xhieda tal-Kappillan Brian Gialanze[38] u tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler[39] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Keith Pace" Appell Nru. 284/2020 pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Mejju 2021, esebita mill-imputat permezz ta' Nota ppreżenata fit-28 ta' Ottubru 2021 a fol. 585 sa' 618 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' l-Ex-Spettur Carlos Cordina[40] mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021 u x-xhieda ta' Charlene Galea[41], in rappreżetnanza ta' l-OASI, mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2022 u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "CG" a fol. 634 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru[42] 2023 u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "SCTX" a fol. 656 sa' 670 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 31 ta' Diċembru 2020 a fol. 443 u 444 tal-proċess, permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsub:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 111(1)(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28A, 28B u 28Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7 u 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijeit ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2021 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u li l-imputat ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli[43];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[37] Fol. 579 u 580 tal-proċess.

[38] Fol. 581 u 583 tal-proċess.

[39] Fol. 521 sa' 523 tal-proċess.

[40] Fol. 620 sa' 622 tal-proċess.

[41] Fol. 630 sa' 633 tal-proċess.

[42] Fol. 655 tal-proċess.

[43] Fol. 572 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli: (1) nhar il-5 ta' Diċembru 2018, minn fond numru 205 imsemmi "Arcadia" Triq il-Kungress Ewkaristiku ġewwa l-Mosta u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37, liema serq sar għad-dannu ta' Josephine Delicata, li hija persuna ta' sebgħin sena, u/jew ta' xi persuni u/jew entità u/jew entitajiet oħra; (2) ukoll talli bejn nhar il-5 ta' Diċembru 2018 u nhar it-tnax ta' April 2019, f'dawn il-gżejjer laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) u aktar talli nhar it-18 ta' Jannar 2019, minn fond numru 334, Triq il-Kbira San Ġużepp, ġewwa Santa Venera, u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37, liema serq sar għad-dannu ta' Maria Muscat, li hija persuna ta' erbgħa u sebħgin sena, u/jew ta' xi persuni u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra; (4) ukoll talli bejn nhar it-18 ta' Jannar 2019 u nhar is-7 ta' April 2019, f'dawn il-gżejjer laqgħa għandu ħwejjeġ misruqa u cioè ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; (5) ukoll talli nhar it-12 ta' April 2019, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) ġewwa l-fond numru 49, Triq Stiefnu Zerafa ġewwa l-Marsa, xjentement issoprima u/jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat;; (6) ukoll talli nhar it-12 ta' April 2019, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) ġewwa l-fond numru 49, Triq Stiefnu Zerafa, ġewwa l-Marsa, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta' ħaddieħor bi ħsara ta' l-fuq minn €2,500; (7) ukoll talli b'hekk kiser waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digrieti għall-ħelsien mill-arrest akkordat lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Simone Grech nhar is-16 ta' Ottubru 2018, liema kondizzjonijiet kienu mogħtija lilu kontra depożitu ta' €200 u garanzija personali ta' €5,000; (8) ukoll talli kkommetta reat fil-perijodu effettiv ta' sentenza sospiża, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. MarseAnn Farrugia nhar l-14 ta' Ġunju 2017, bi ksur ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (9) ukoll talli kkommetta reat fil-perijodu ta' Probation u Servizz fil-Komunità impost fuqu b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud nhar is-17 ta' Jannar 2017; (10) ukoll talli b'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

B'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 31 ta' Diċembru 2020, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew għall-ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 111(1)(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28A, 28B u 28Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7 u 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijeit ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u provi prodotti:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-5 ta' Diċembru 2018, minn fond numru 205 imsemmi "Arcadia" Triq il-Kungress Ewkaristiku ġewwa l-Mosta u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37, għad-dannu ta' Josephine Delicata, li hija persuna ta' sebgħin sena, u/jew ta' xi persuni u/jew entità u/jew entitajiet oħra.

Bit-**tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli wkoll talli bejn nhar il-5 ta' Diċembru 2018 u nhar it-12 ta' April 2019, f'dawn il-gżejjer laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, **u** wkoll talli nhar it-12 ta' April 2019, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) ġewwa l-fond numru 49, Triq Stiefnu Zerafa ġewwa l-Marsa, xjentement issoprima u/jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat; **u** wkoll talli nhar it-12 ta' April 2019, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) ġewwa l-fond numru 49, Triq Stiefnu Zerafa, ġewwa l-Marsa, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta' ħaddieħor bi ħsara ta' l-fuq minn €2,500.

In konnessjoni ma' dawn l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat xehdet **Josephine Delicata**[44] illi stqarret li fil-5 ta' Diċembru 2018 hija kienet għamlet rapport mal-Pulizija għaliex sfat misruqa. Iddikjarat li *kif jiena rritornajt lura indunajt mill-ewwel li ġara xi ħaġa għaliex il-grada kienet miftuħa beraħ fejn jiena kont għalaqtha warajja kif ħriġt. Wasalt ħdejn il-bieb u nsib il-bieb miftuħ bis-serratura mkissra fl-art u mill-ewwel indunajt li ġara xi ħaġa. Fil-pront kif dħalt ċempilt lill-ħija biex ngħidlu jiġifieri x'ġara mbagħad ħija ċempel lill-Pulizija u bdejt nara l-affarijiet neqsin.* Dwar l-affarijiet li nsterqu Josephine Delicata xehdet illi *għandek lampa ħamra tal-ħġieġ li sibniha jiġifieri nieqsa, hemm 2 lusters ħomor ukoll li sibnihom neqsin, arloġġ antik bil-bozza tad-deheb jiġifieri u*

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, fol. 107 sa' 112 tal-proċess.

*kien kbir, li kien nieqes ukoll, kollezzjoni ta' arloġġi antiki biċ-ċinga jinfetħu … u jingħalqu, 2 arloġġi tal-Porċa antiki taċ-ċinga, 6 kaxxi kommemorattivi … sett muniti ġol-kaxxa li jfakkru ġrajjiet importanti … il-muniti tad-deheb. B'kollox kien hemm 400 munita tad-deheb plus id-deheb kollu li kellna kollu ġie misruq.* Josephine Delicata esebiet lista - Dok. "JD" a fol. 113 sa' 115 tal-proċess - fejn elenkat dak kollu li nsterqilha u tat valuri ta' uħud mill-affarijiet neqsin. Din hija l-istess lista li hija esebiet lill-Espert Legali Dr. Anthony Cutajar fil-kuntest ta' l-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 374/19 esebita a fol. 160 tal-proċess.

Josephine Delicata ġiet murija Dok. "ASJ3", Dok. "ASJ4" u Dok. "ASJ5" konsistenti f'ammont ta' oġġetti li ġew esebiti minn PS430 Andrew St. John waqt is-seduta ta' tas-6 ta' Mejju 2019[45], u hija għarfet dawn bħala uħud mill-oġġetti li nsterqulha, bħal ad eżempju l-lusters homor, lampa bix-shade, li għarfitha stante li siccome kellha l-globu jiċċaqlaq kienet għamlitlu lastiku, u l-arloġġ. Dwar l-esebit Dok. "ASJ3" hija esebiet ukoll ritratt li juri l-oġġett partikolari fid-dar tagħha. Josephine Delicata ddikjarat li dawn l-oġġetti kienu kollha oġġetti antiki li kienu ilhom fil-familja tagħha għal sittin sena u hija kienet wirtithom. Dwar valuri ta' l-oġġetti misruqa, Josephine Delicata ddikjarat li l-lampa kienet tiswa bejn €3,000 u €4,000, filwaqt li l-arloġġ kien jiswa madwar €3,500 u l-lusters madwar €1,000 bħala sett. Apparte minnhekk, hija esebiet ritratt ta' l-arloġġ tal-bozza li nsterqilha, Dok. "JD2" a fol. 117 tal-proċess.

Delicata osservat li dakinhar meta ħarġet mid-dar kien hemm vann abjad ipparkjat quddiem id-dar tagħha u kien hemm raġel fih, li ma setgħetx tagħti deskrizzjoni tiegħu, li dak il-ħin kien fuq il-mobile. Hekk kif ħarġet mid-dar dan ir-raġel ħares lejha, hija għalqet il-bieb u l-grada u telqet lejn il-knisja. Meta ġiet lura mill-knisja dan il-vann ma kienx għadu pparkjat hemmhekk.

L-**Ispettur Shawn Pawney**[46] xehed illi *jiena ġejt infurmat permezz ta' file li daħal l-uffiċċju tiegħi li kienet seħħet serqa fil-5 ta' Diċembru 2018 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija minn ġewwa residenza msemmija "Arcadia" numru 205, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta. Ftit tal-ġranet wara jiena kont mort u kellimt lill-vittma, ċerta Josephine Delicata, I.D. Card 445348, li hija persuna anzjana li ġiet derubata waqt li kienet marret il-quddies. Hija spjegat li kienu insterqu diversi oġġetti antiki, flus kontanti, dehebijiet u anki pakketti ta' muniti tal-Lira Maltija tad-deheb li hija stmat li kienu jiswew madwar mitejn Euro l-waħda. Peress li kellha diversi mijiet tagħhom dawn, hija stmat li l-ammont totali kien ta' madwar tmenin elf Euro. Hija spjegat ukoll li nstabu xi throwovers neqsin mis-sular ta' isfel u dan seta' jindika li t-throwovers intużaw sabiex ir-refortiva tinġarr fihom. Fost l-oġġetti li l-vittma semmiet li qegħdin f'elenku li jinsab fl-inkjesta kien hemm arloġġ tal-bozza li hija kienet anki pprovdiet ritratt tiegħu li aktar tard irid jiġi esebit u xi lampi tal-ħġieġ ħomor. Dawn qed insemmihom għax dawn ġew rikoperati mbagħad iridu jiġu esebiti ukoll fi stadju ieħor. Fuq dan il-każ kont ukoll kellimt lill-Ispettur Godwin Scerri li kien l-Ispettur ta' l-Għassa ġewwa l-Mosta u konna anki rajna xi filmati li għalkemm kien jidher żewġ*

---

[45] Fol. 79 sa' 84 tal-proċess.

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2019, fol. 73 sa' 76 tal-proċess.

*persuni li avviċinaw ir-residenza w anki joħorġu dak li kien jidher liżar b'xi oġġetti ġo fih, il-kwalità tal-video ma kenitx tippermetti li nagħrfu la l-persuna u lanqas il-vettura li setgħet kienet relatata mal-każ. Imbagħad nhar id-9 ta' April kellna żvilupp meta jiena rċevejt informazzjoni mingħand ċerta Antoinette Rapinett li din kienet is-sieħba ta' Keith Pace għal xi żmien, u anke fil-fatt kellhom tifla flimkien. Lil Keith Pace qed nagħrfu hawnhekk. Din l-informazzjoni għall-ewwel kienet ingħatat b'mod kunfidenzjali mbagħad kienet magħmula b'mod aktar uffiċjali. L-informazzjoni kienet li kien hemm ċertu affarijiet misruqin fir-residenza tas-Sur Keith Pace, ġewwa 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, u hi minn jeddha semmiet ċertu dettalji li dawn l-oġġetti kienu ġew meħuda minn residenza ġewwa Triq Ewkaristiku, Mosta, u anki kienet spjegatilna li dawn kienu tfaċċaw għall-ħabta ta' Novembru, Diċembru. Meta mistoqsija jekk dawn l-oġġetti kienux hemm fir-residenza tul iż-żmien li kienet tgħix hi hemmhekk, spjegat li kienet ilha toqgħod hemmhekk għal dan l-aħħar tliet snin u dan ma tfaċċawx qabel iż-żmien imsemmi, jiġifieri għaż-żmien ta' Diċembru li jikkonċidi maż-żmien li seħħet is-serqa ġewwa l-Mosta. Hija spjegat ukoll kif Keith Pace kien poġġa dawn l-affarijiet għal xi żmien ġewwa garage ġewwa l-Fgura u skond li qalet hi fil-bidu ta' Jannar wara li huwa kien serraħ rasu li ma kienx ser jinqabad fuq dan is-serq, kien ġabhom id-dar tiegħu stess u kienu tpoġġew fl-intrata tad-dar fuq mejda. Hija spjegat ukoll li għal xi żmien wara li seħħet is-serqa in kwistjoni, Keith Pace kien anki jgħaddi magħha fiż-żona fejn tinsab din ir-residenza u anki semgħatu jitkellem ma' xi ħadd fuq it-telephone dwar dan il-fatt u f'ħin minnhom semgħatu jgħid li sar alarm minn dakinhar li saret din is-serqa. Bis-saħħa ta' din l-informazzjoni kien inġieb Mandat mingħand il-Maġistrat Inkwirenti dwar l-istess inkjesta li kien inġab ftit tal-jiem wara u nhar it-12 ta' April tas-sena 2019, f'jum id-Duluri, wara li Keith Pace kien ġie arrestat minn ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun, wara li kien mar jiffirma hemmhekk għax digà kellu bail ġo din l-Għassa. Ġejt infurmat mis-Surġent 430 u l-Kuntistabbli 1049 li jaħdmu fl-uffiċċju tiegħi li jiena nagħmel parti minnu, li dawn meta waslu fir-residenza, infurmawni li Keith Pace flimkien ma' xi familjari tiegħu ma kienux qed jikkoperaw mal-Pulizija, anki ippruvaw isakkruhom barra r-residenza u kienu nfurmawni li Keith Pace kien kisser xi oġġetti fosthom arloġġ tal-bozza, żewġ lusters ħomor u lampa ħamra u dawn li baqa' minn dawk l-oġġetti jrid jiġi esebit iktar tard. Ġiet iffotografata x-xena bit-tkissir kollu li kien hemm u Keith Pace kien ittieħed id-depot tal-Pulizija fejn konna kellimnieh jiena u s-Sur Godwin Scerri. Keith Pace kien baqa' jgħid li dan l-oġġetti kienu tiegħu u anki spjega li taħt il-pedestall ta' l-arloġġ tal-bozza kien hemm xi timbru dak li huwa ddeskriva bħala timbre, fil-fatt meta ċċekkjajna kien jidher li kien hemm kitba RD u kitba R Debono li dawn kienu jidhru miktub bil-lapes. Pace beda jgħid li din il-kitba kienet tindika li dawn l-oġġetti kienu tħallew lilu minn ċerta Rita Debono li kienet tgħix fl-istess fond u qabel kienet tgħix hemmhekk u kienet ħallietlu l-istess proprjetà b'xi affarijiet ġo fiha. Dakinhar stess is-Sur Godwin Scerri kellem lil Josephine Delicata u wrieha xi oġġetti li ġew irkuprati mir-residenza tas-Sur Keith Pace u din mill-ewwel għarfet l-oġġetti bħala tagħha, l-arloġġ għarfitu speċjalment minħabba li kellu lazz partikolari mad-dawra tiegħu u waħda mil-lampi kienet għarfitha għax kienu saru xi tiswijiet fuqha, kien tpoġġa xi tape ta' l-ilma madwar il-holder tal-bozza tal-lampa u allura din mill-ewwel kienet għarfithom. Keith Pace xorta waħda baqa' jsostni li dawn kienu tiegħu. Dakinhar Keith Pace kien ingħata Police Bail*

*biex imbagħad jirrapporta l-uffiċċju tiegħi stess fis-16 ta' April. Fit-13 ta' April imbagħad irrappurtat l-uffiċju tiegħi Antoinette Rapinett għal darb' oħra fejn spjegat li lesta tgħaddi iktar informazzjoni dwar dan il-każ u anki dwar każijiet oħra u anki żiedet informazzjoni ulterjuri. Hija spjegat minn rajha kif fuq dan l-arloġġ kienet rat lil Keith Pace jikteb RD u Rita Debono fuqu u anki spjegat li kienet hi stess li għaddietlu l-lapes biex jikteb dawn l-affarijiet. Dan kollu sar fil-presenza tas-Sur Godwin Scerri u kien ġie anki ġuramentat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.*

Fis-seduta tad-6 ta' Mejju 2019[47], l-Ispettur Shawn Pawney esebixxa, fost affarijiet oħra, żewġ stqarrijiet awdjo-viżivi rilaxxati mill-imputat markati Dok. "SP1" u Dok. "SP2" a fol. 102 u 103 tal-proċess, riċevuta ta' l-oġġetti elevati mir-residenza ta' l-imputat, ossia li kien baqa' minn arloġġ tal-bozza, żewġ lusters tal-ħġieġ ta' kulur aħmar u lampa tal-kulur aħmar, li ġiet markata bħala Dok. "SP3" a fol. 89 tal-proċess u ppreżenta wkoll estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Josephine Delicata, markat Dok. "SP7" a fol. 98 tal-proċess. Ippreżenta wkoll ritratt ta' l-arloġġ tal-bozza mgħoddi lilu minn Josephine Delicata, markat Dok. "SP8" a fol. 99 tal-proċess kif ukoll ritratti ta' l-oġġetti elevati mingħand l-imputat, markati Dok. "SP9" a fol. 100 u 101 tal-proċess.

**PS1462 Joseph Attard**[48] xehed illi *fil-5 ta' Diċembru 2018 kont xogħol il-Qawra u nlaħħaq il-Mosta u nfurmawni għall-ħabta tas-7:30 illi rrapportat il-kwerelanta, ċertu Josephine Delicata, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità 445348(M), li sabet il-bieb tad-dar tagħha żgassat u l-lock ma' l-art. Jiena flimkien mal-kollegi tiegħi mort fuq il-post u ġie nnotat il-post 205, Arcadia, Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta, innotat il-bieb żgassat u l-lock ma' l-art. Dak il-ħin ħsibna li għad hemm xi persuni ġewwa allura mit-taqsima ta' l-RIU u għamlu tfittxija fid-dar imma rriżultat fin-negattiv. Imbagħad aħna dħalna ġewwa fil-preżenza ta' Josephine biex naraw x'kellha nieqes. Aħna rajna ħafna teqlib fil-kmamar kważi kollha tad-dar u semmitilna xi oġġetti neqsin li jiswew l-ammonti bħall-arloġġ tal-bozza li għandi mniżżel fir-rapport li qaltli jammonta għal €1,500, xi sett tal-lampi li kienu sett flimkien u kienu jammontaw għall-valur ta' €3,000 u kellha xi 400 biċċa flus tad-deheb li qaltli jiswew għall-ammont ta' €80,000 x'ħin tgħaqqadhom flimkien. Fl-akkwati rriżulta li kien hemm camera fil-faċċata u kellimna lil ċertu Rita Borg li din kellha l-camera biex iżżomm il-filmat għal aktar stħarriġ. Fit-8 ta' Diċembru mbagħad reġgħet ċemplitli l-kwerelanta biex tinfurmani illi meta kienet ħierġa kienet sejra l-quddies, hi ħarġet għall-ħabat tas-5:45 dakinhar mid-dar u rritornat lura fis-7. Wara l-quddies dan jiġifieri li ġara. Hi kienet innotat vettura ta' lewn abjad ipparkjata eżatt ħdejn id-dar tagħha u jiena għaddejt l-informazzjoni kollha lill-Ispettur għall-investigazzjoni. Semmietli wkoll li sabet neqsin xi throwovers ta' lewn aħmar chequed u waħda bajda u nvesta ta' lewn abjad li setgħu ġarrew l-affarijiet fiha. Semmietli wkoll rigward xi cameras ohra ta' ċertu Gino li huwa wieħed li jaqta' x-xagħar li kellu n-nies dak il-ħin fil-ħanut li setgħu forsi raw xi ħaġa mhux tas-soltu.*

---

[47] Fol. 86 sa' 88 tal-proċess.

[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, fol. 104 sa' 106 tal-proċess.

PS1462 Joseph Attard ikkonferma li d-dokument esebit bħala Dok. "SP5" a fol. 93 sa' 96 tal-proċess, huwa r-rapport li għamlet Josephine Delicata dakinhar tal-5 ta' Diċembru 2018.

L-**Ispettur Godwin Scerri**[49] essenzjalment ikkonferma dak dikjarat kemm minn PS1462 Joseph Attard kif ukoll mill-Ispettur Shawn Pawney. Huwa żied jgħid illi hekk kif ġie nfurmat bis-serqa u l-entità ta' l-istess *infurmajt lill-Maġistrat ta' l-Għassa li dakinhar kienet Dr. Doreen Clarke fejn kienet ordnat inkjesta maġisterjali u ħatret diversi esperti sabiex jgħinu f'din l-investigazzjoni. Dawn kienu Dr. Anthony Cutajar sabiex jieħu x-xhieda u l-istimi ta' l-affarijiet irrapportati neqsin, is-Sur Keith Cutajar minħabba li kien hemm xi CCTV cameras fl-inħawi fit-triq kif ukoll persuni mis-SOCO sabiex jagħmlu x-xogħol tagħhom fuq il-post. Nixtieq ngħid ukoll illi jiena ftit wara ġejt infurmat mill-Ispettur Shawn Pawney li min-naħa tas-CID kien qed jinvestiga l-każ huwa wkoll u fil-fatt kienet bħala joint investigation bejn is-CID u l-Għassa tiegħi. Jiena nixtieq ngħid illi ma mortx dak il-ħin fuq il-post meta ġie rrapportat il-każ però wara li saru l-on scene investigations kollha min-naħa ta' l-esperti tal-Qorti, jiena mort l-għada u ltqajt mas-sinjura Delicata fejn jien ittawwalt u rajt il-post kif inhu. Din tikkonsisti f'dar antika u din id-dar hija mimlija pitturi, għamara antika ħafna u jiena fl-opinjoni tiegħi kienu oġġetti ta' valur għoli ħafna jiġifieri dak li kien għad baqa' kollox kien ta' valur.*

Fir-rigward ta' l-informazzjoni li rċeviet il-Pulizija dwar dan il-każ partikolari, l-Ispettur Scerri ddikjara li *wara li rċevejna din l-informazzjoni, jiena nfurmajt lill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke b'din l-informazzjoni anonima u tlabtha sabiex jekk ikunx possibbli li tieħu l-verżjoni tagħha hi stess. Fil-fatt hekk ġara u din il-Maġistrat Inkwirenti kienet bagħtet għal din il-persuna u għaddiet l-informazzjoni kollha taħt ġurament lill-istess Maġistrat. Jiena wkoll tlabt lill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke fejn għamilt rikors biex issir tfittxija u arrest fil-konfront ta' Keith Pace u din kienet ġiet milqugħa.* Ir-Rikors u l-Mandat relattiv ġew esebiti mill-Ispettur Godwin Scerri bħala Dok. "GS" a fol. 386 u 387 tal-proċess.

Fir-rigward ta' l-eventwali arrest ta' l-imputat l-Ispettur Godwin Scerri xehed illi *malli kellna f'idejna l-Mandat ta' Arrest u ta' Tfittxija, min-naħa tas-CID kienu organizzaw illi jsir ma' Keith Pace sabiex jiġi arrestat però x-xewqa tagħna kienet illi l-arrest isir fil-viċinanzi tar-residenza tiegħu sabiex ma jkunx hemm ħin li jistgħu jintmessu xi oġġetti. Konna poġġejna 2 Pulizija pajżana filgħodu fejn ir-residenza però Keith Pace ma tfaċċax. F'ħin minnhom partikolari, dakinhar stess, niftakar li kien f'jum id-Duluri tas-sena 2019, fejn Keith Pace mar jiffirma l-Għassa tal-Ħamrun u aħna ġejna nfurmati u l-Pulizija li kienu qegħdin Għassa telgħu jiġru l-Ħamrun fejn arrestaw lil Keith Pace u niżżluh immedjatament fi Triq Stiefnu Zerafa sabiex jibda dan is-search fir-residenza. Irrid ngħid illi dak il-ħin la jiena u lanqas l-Ispettur Shawn Pawney ma konna preżenti però kien hemm Kuntistabbli u Surġent mid-dipartiment tas-CID. Jiena ġejt infurmat bl-arrest*

[49] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2020, fol. 382 sa' 385 tal-proċess.

*tiegħu u madwar 20 minuta jew nofs siegħa wara, jiena ġejt infurmat illi waqt il-bidu ta' din it-tfittxija, is-Sur Keith Pace kien taħ estru u malli daħal ġewwa fir-residenza beda jwerżaq u jgħajjat u tista' tgħid beda jirreżisti l-arrest u partikolarment oġġetti ta' fajjenza illi konna digà nafu bejn wieħed u ieħor fejn qegħdin fir-residenza kienu ġew imkissra mis-Sur Keith Pace stess. … Jiena ġejt infurmat b'dan kollu permezz tat-telephone u nżilt immedjatament fi Triq Stiefnu Zerafa, il-Marsa, u nista' ngħid illi malli dħalt fir-residenza sibt diversi Pulizija oħra li kienet intalbet l-assistenza tagħhom u sibt anke ammont kbir ta' ħġieġ fl-entrata tar-residenza. Stajt nara lampi ta' kulur aħmar imkissrin kif ukoll dan l-arloġġ li kien issusspettat li huwa dan l-arloġġ li kien misruq mill-Mosta bil-globu tiegħu mkisser u ammont kbir ta' ħġieġ fir-residenza. Dak il-ħin stess jiena ċempilt lill-membri tal-forensika biex jiġu fuq il-post sabiex jieħdu ritratti tas-sitwazzjoni ta' kif kienet u kif ukoll huma jelevaw, mhux bħala parti mill-inkjesta imma bħala police work, dawn l-oġġetti, jiġu ffotografati u jingħaddew lilna. Dakinhar kien ġie arrestat ukoll is-Sur Keith u wara li tkompliet it-tfittxija fir-residenza sa' fejn naf jien ma kien instab xejn iktar li kien qiegħed jiġi mfittex min-naħa tagħna, is-Sur Keith Pace ttieħed is-CID fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Shawn Pawney u kont preżenti jien ukoll fejn kien ingħata d-drittijiet kollha tiegħu. Kien ingħata wkoll il-kopja tal-Mandat ta' Arrest u ta' Tfittxija. Niftakar ukoll illi dakinhar qabbadna kuntistabbli u Surġent biex l-oġġetti illi kienu nġabru, it-tifrik, konna tellajnihom il-Mosta u konna nfurmajna lis-Sinjura Delicata illi jista' jkun illi għandha xi oġġetti illi kienu tagħha. Niftakar illi l-Pulizija li kienu marru, is-Sinjura Delicata qaltilhom li dak kien l-arloġġ u mingħajr ma kienet se tara qaltilhom fejn kien hemm marka bil-lapes u aħna aċċertajna ruħna illi fil-fatt dak kien l-arloġġ fejn hija kkonfermat ukoll il-globi tal-ħġieġ u xi oġġetti oħra illi konna ppreżentajna waqt dawn il-proċeduri. Niftakar li dakinhar is-Sur Keith Pace kien ingħata l-Police Bail sakemm inkomplu bl-investigazzjonijiet min-naħa tagħna u sussegwentement kien ġie mressaq b'dawn l-akkużi illi għandna quddiemna llum.*

L-Inkjesta li għamel referenza għaliha l-Ispettur Godwin Scerri hija l-Inkjesta bil-Procès-Verbal Numru 374/19 esebit a fol. 160 tal-proċess. Fl-imsemmija Inkjesta tinsab ix-xhieda ta' **Antoinette Rapinett** mogħtija waqt seduta miżmuma fis-16 ta' April 2019[50] fejn ikkonfermat bil-ġurament stqarrija li kienet ġiet rilaxxata minnha lill-Pulizija fejn qalet li kienet għamlet madwar sitt snin tgħix fil-fond 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, bl-aħħar tlett snin b'mod kontinwu. Dwar xi oġġetti li ġew murija lilha mill-Pulizija, Antoinette Rapinett stqarret u kkonfermat bil-ġurament li *dawn kienu fil-post fejn jien kont noqgħod ġewwa 49, Zerafa Street, Marsa. Darba fost l-oħrajn bejn Novembru u Diċembru tas-sena 2018 Keith Pace kien daħal b'liżar b'oġġetti goffi b'liżar, kien qed ipoġġiehom ġewwa l-kamra ta' barra. Jiena staqsejtu x'kienu u qalli li l-importanti li dawn illejla ma jibqghux hemmhekk. Talabni għaċ-ċwievet tal-garage tal-Fgura u mar ipoġġiehom hemmhekk, għaddew diversi ġranet, illi ma tantx kien qed jafdani b'dawn l-affarijiet peress li mhux l-ewwel darba li ma kienx jittrattani tajjeb u kellu wiċċ ħaddieħor. Jien kont kxiftu li kellu xi għodda misruqa. Allura huwa kien jurini mill-inqas li jista' dwar dak ix-xogħol li huwa kien qed jagħmel. Aħna qatt ma kienet triqitna lejn l-inħawi tal-Mosta però xi jumejn wara li kien ġie b'dawn l-*

[50] Fol. 128 sa' 136 tal-Procès-Verbal bin-Numru 374/19.

*oġġetti bejn kultant inkunu ħerġin u ngħaddu mill-istess triq ġewwa l-Mosta, speċifikatament Eucharistic Road jew xi ħaġa hekk u kien iċempel lil xi ħadd u beda jgħidlu li beda jaħseb li dawn qishom ma ġabu lil ħadd u li beda jaħseb li l-vittmi tas-serqa lanqas biss kienu għamlu rapport għax ma kienx sar kjass fuq l-istorja. Iktar tard induna li fir-residenza kien sar alarm. Din ir-residenza niftakar li kellha bieb aħdar u allura tant serraħ moħħu, rasu li ma nstema' xejn fuq dak il-każ li huwa niżel il-garage tal-Fgura u ġab lura dawn l-affarijiet. Dawn l-affarijiet qed nirreferi għal dawk li qed jidhru fir-ritratti A1, A2 u A3* - a fol. 125 u 126 ta' l-atti tal-Procès-Verbal bin-Numru 374/19 - *... u xi muniti li kienu ma' l-istess oġġetti. Il-muniti kienu jidhru kulur id-deheb. Meta niżżel dawn l-oġġetti kienu għall-ħabta ta' Jannar u poġġiehom fil-kamra ta' barra. Darba fost l-oħrajn u cioè xi xahar ilu, rajtu jaqla' l-arloġġ tal-bozza u talabni biex inġib lapes jew biro, ma niftakarx eżatt, imma mmarka R Debono fuqu u jiena staqsejtu x'qed jagħmel u hu qalli li kien qed jimmarkah taparsi ħallitulu Rita. Rita hija l-persuna anzjana li kienet tgħix qabel f'dak il-post u li kienet ħallietlu dan b'wirt. Anke meta ġiet il-ħassiela darba minnhom kien qalli ħallitlu dan il-post b'wirt ... kien qalli biex nenfasizza li dan kienet ħallitulu Rita. Jiena però kont naf illi dan ma kienx veru għax fis-snin ta' qabel jiena qatt ma kont rajthom.* Antoinette Rapinett iddikjarat li dawn l-oġġetti bħall-arloġġ u l-lampi *kienu fl-entrata, fuq mejda tal-ħġieġ fuq in-naħa tar-taraġ malli tidħol bejn żewġ pultruni. Dawn l-oġġetti kienu fuq dik il-mejda.* Fir-rigward ta' dak li jidher fir-ritratt markat Dok. A5 a fol. 127 tal-Procès-Verbal bin-Numru 374/19, Antoinette Rapinett iddikjarat li *dan jidher li huwa l-istess arloġġ li kellu Keith ġewwa dak kif spjegajt. Fil-fatt kien jibża mill-fatt li dan kellu din l-ispaga li huwa kellu li din kienet partikolari.* Dwar jekk l-imputat qattx qalilha kemm jiswew dawn il-oġġetti, Antoinette Rapinett iddikjarat *iva, kien il-valur għoli u kien juriehom lil min kien qed jiġi d-dar. Ikolli ngħid li vera kellu moħħu mistriħ li ma setgħax, li ma kienx ser jinqabad.* Fir-rigward tal-muniti tad-deheb, Antoinette Rapinette ċċarat illi *jiena lħaqt rajt muniti tad-deheb imma Keith kellu hu digà xi muniti tad-deheb li kienu iżommha ma' pendent. Jiġifieri jiena ma nagħrafx minn munita għal munita sewwa. Jiġifieri he owned xi muniti tad-deheb qabel din l-affari.*

Fis-seduta miżmuma fis-17 ta' Mejju 2021[51] tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, Antoinette Rapinett ikkonfermat ix-xhieda li hija tat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-Inkjesta imsemmija.

F'dawn il-proċeduri xehed ukoll **PS430 Andrew St. John**[52] illi ddikjara *fit-12 ta' April ta' din is-sena* (ossia tas-sena 2019) *jiena ġejt imqabbad mill-Ispettur tiegħi, l-Ispettur Shawn Pawney, sabiex nsegwi Mandat ta' Search and Arrest illi kien ħareġ mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke fuq serqa li seħħet fil-5 ta' Diċembru tas-sena 2018 ġo residenza 205, Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta. Il-Mandat kien ħareġ f'isem Keith Pace illi joqgħod il-Marsa u ngħatajna l-ordni, kemm jiena u kemm il-Pulizija li għandna magħna PC1049, sabiex immorru nistennew lil Keith Pace illi kien qiegħed jiffirma b'xi kundizzjonijiet tal-Qorti ġo' l-Għassa tal-Ħamrun fejn hemmhekk stennejnieh sabiex jiġi biex jiffirma l-Għassa tal-Ħamrun,*

[51] Fol. 573 u 574 tal-proċess.

[52] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, fol. 79 sa' 84 tal-proċess.

*bil-Mandat f'idejna. Għall-ħabta ta' xi l-4:50 ta' wara nofsinhar waqt li konna hemmhekk fl-Għassa, ippreżenta ruħu Keith Pace sabiex jiffirma fejn wara li tħalla jiffirma fuq il-bail book tiegħu avviċinajtu jiena stess fejn ippreżentajtlu s-search and arrest warrant li għadni kemm insemmi issa, spjegajtlu r-raġuni li kienet anke miktuba fuq dan il-mandat għalfejn qiegħed jiġi arrestat u tajtu wkoll il-karta tad-drittijiet bil-Malti. Minn hemmhekk sakemm ħerġin jiena u l-Pulizija tagħna stajt ninnota illi Keith Pace kien għajjat lil xi ħadd partikolari li jiena stajt nagħrfu bħala wieħed mit-tfal tiegħu u qallu sabiex imur id-dar. Bil-mod illi hu kien għajjatlu jien qajjimli suspett, tajt ordni mill-ewwel lill-Pulizija tagħna sabiex imorru għar-residenza ta' Keith Pace u nibdew billi nesegwu mill-ewwel is-search fir-residenza tiegħu, stajt ninnota illi t-tifel tiegħu u persuna oħra li wara rriżulta illi kien tifel ieħor tiegħu kienu telqu jiġru minn fuq il-post minn fejn l-Għassa tal-Pulizija u sakemm irrikorrejna bil-karozza b'Keith Pace magħna u l-Pulizija tagħna PC1049, bdjet nikkonfronta lil Keith Pace jekk għandux ċwievet tar-residenza tiegħu. Dan mill-ewwel qalli li ma kienx fil-pussess taċ-ċwievet u li ma setgħax ikollu ċwievet tar-residenza tiegħu illi hija sitwata fil-Marsa No.49, Triq Stiefnu Zerafa, il-Marsa. Aħna dejjem għal dik ir-residenza partikolari li hija r-residenza uffiċjali tiegħu li konna qegħdin nirreferu u għamilnihielu ċara li għal dik qed nirreferu. Hu qalilna li l-ex-tfajla tiegħu li hija Antoinette Rapinett li kellu xi problemi magħha fir-relazzjoni kienet ħaditlu ċ-ċwievet b'kollox u ma kellux aċċess għal hemm ħlief illi kien qed jaqbeż qed jgħid min-naħa ta' wara tad-dar ta' missieru. Biex nispjegalek iktar ċar … id-dar tiegħu qiegħda ma' ġenb id-dar ta' missieru fejn hu kien qed jgħid li kien qed jidħol minn ġod-dar ta' missieru u qed jgħaddi minn wara sabiex jaċċessa d-dar tiegħu personali. X'ħin wasalna fuq il-post tajt ordni lill-Pulizija li kelli miegħi PC1049 sabiex jibqa' mal-bieb ta' barra proprju ta' Keith, illi nerġa' nirripeti huwa n-number 49. Flimkien ma' Keith fejn hu stess anke mexxieni, dħalna għand missieru li meta tħares lejn il-faċċata hija d-dar on the right hand side adjacent to the residence … Hemmhekk fetħitilna ommu fejn filwaqt li kien immannettjat, għaliex kien arrestat, mexxieni għan-naħa ta' wara biex jurini l-aċċess minn fejn hu. Niftakar li konna tlajna għas-sular ta' fuq, 1st floor level, fejn kien qed jgħidli ara aħna minn hawn qed nieħu l-aċċess jiena, nitla' minn hawn insomma u hekk. Sakemm qiegħed inkellmu u kollox dan qabad ħabta u sabta bil-manetti b'kollox ixxabbattli maċ-ċinta u litteralment intelaq sabiex jiġi iktar l-isfel. Ma kienx hemm daqshekk għoli biex taqbeż minn hemmhekk għal isfel, tħalla jintelaq għaliex iktar kont inweġġgħu jekk infixklu hu u nieżel għaliex kont inpoġġieh f'pożizzjoni li jaqsam rasu jew xi ħaġa ma' ċinta, niżel dritt u jiena qbiżt għal warajh mill-ewwel u ġejna qisu in between the two levels jiġifieri between the first floor u l-ground floor level fuq saqaf ieħor ta' xi kamra li tiġi mislevelled bejn it-tnejn. Minn hemmhekk reġa' pprova jinżilli għal ġol-bitħa tan-number 49 li tiġi ġo tiegħu stess u rajt illi jekk se jibqa' jixxabbat, l-affarijiet kif kienu mpoġġijin jekk se jinżel din id-darba kien se jweġġa'. Hemmhekk illokkjajtu b'idejja stess sabiex ma jweġġax, bdejt ngħajjat miegħu sabiex jikkopera għaliex jista' jweġġa' u bqajt inżommu mdendel fuq id waħda minn tiegħi fejn anke nstlaħt sakemm jiena żammejtu. … Saffrattant il-Pulizija tiegħi beda jisma' l-kommossjoni minn barra però jiena kont tajtu l-ordni biex ma jiċċaqlaqx minn fejn kien proprju bi skop għaliex jiena xammejt illi se jiġu u jneħħu xi ħaġa t-tfal tiegħu kif fil-fatt ftit tal-ħin wara ġew u avviċinaw lill-Pulizija tiegħi. Hemmhekk għajjatlu li kollox sewwa però għajjat għall-assistenza*

*tad-distrett sabiex jiġu iktar uffiċjali fuq il-post u jkunu jistgħu jgħinuni. Ftit tal-ħin wara jiena tajt l-ordni lil dan il-Pulizija tiegħi sabiex jifqa' l-bieb ta' barra tan-number 49 fejn fil-fatt esegwa din l-ordni u għidtlu biex jiġi għall-bitħa ta' wara. Il-bitħa ta' wara meta inti tiftaħ il-bieb ta' barra tiegħu tad-dar ta' Keith tara bid-dritt mill-ewwel għall-bitħa jiġifieri hemm ftit tul u tiġi għall-bitħa fejn seta' jara nofsu mdendel minn fejn kien. Hemmhekk kien ħa aċċess il-Pulizija tiegħi għal din il-parti tas-shaft, żammu minn saqajh u t-tnejn li aħna niżżilnieh bil-mod għal fejn dħalna ġor-residenza. Safrattant laħqu ġew l-uffiċjali tad-distrett li ma damux ma ġew jiġifieri within 2 minutes kienu digà hemmhekk, ġew kolha f'karozza u ġew jgħinuna fuq il-post. … ħin minnhom sakemm konna minn ġol-kċina li tġi ma' dan is-shaft at the further end ta' dan il-post li għandu … kif konna qegħdin ħerġin ma' l-uffiċjali l-oħra tal-Pulizija sabiex navviċinaw lill-Ispetturi li kienu waslu jekk mhux sejjer żball proprju dak il-ħin, kien għaddej skurtat min-nies ta' l-RIU u anke kollega ieħor tiegħi li huwa surġent ieħor tas-CID PS90 u niftakar eżatt illi hekk kif kien xorta mmannettjat u kollox, qisu aljenahom Keith Pace u kines xi oġġetti illi kienu qegħdin impoġġijin fuq biċċa għamara illi meta inti tidħol mill-bieb ta' barra tiegħu kienu qegħdin on the left hand side tal-main entrance tad-dar tiegħu. Smajtu wkoll jgħid illi jekk ma jgawdihomx hu ma jgawdihom ħadd dawn. … fl-ebda ħin ma konna indikajnilu dawk l-oġġetti partikolari aħna għaliex id-dar tiegħu hija mimlija antikitajiet u hu minnu nnifsu anke jiddikjara magħna li huwa dilettant ta' l-antikità. Hemm ħafna affarijiet ġo dan il-kuridur stess però hu litteralment immira għal dawk l-oġġetti partikolari li kumbinazzjoni kienu l-oġġetti li kienu jikkonċernaw lilna għal din is-serqa partikolari għaliex fil-fatt wara rriżultaw li kienu anke identifikati mill-vittmi dawn l-oġġetti partikolari li inkisru li kienu arloġġ tal-bozza, l-arloġġ l-antika ngħidlu jiena b'figuri ta' żiemel u ljun u qisu la naf Tork jew Kavallier qiegħed hekk b'xi lenza għal ġo dan l-iljun. Kien hemm ukoll 2 qishom la naf vażuni u lanqas lampi, kienu qishom bit-tazza u bid-denduliet tal-ħġieġ għaliex mhux se nikkommetti jekk kienux kristall jew dawn l-affarijiet però kienu kkuluriti, fejn dawk inkisru wkoll u kien hemm ukoll lampa li nkisret parti minnha wkoll fejn il-bozza nkisret kollha jiġifieri għaliex x'ħin tefa' dawn l-affarijiet ma' l-art dawn ġarrbu ħsarat konsiderevoli. Kien hemm frak tal-ħġieġ ma' l-art u kollox, tqabbadt mill-Ispettur tiegħi stess sabiex niġbor bil-galbu l-affarijiet illi kienu nkisru bħal parts tagħhom u hekk fejn nista' ngħid illi ġibna l-affarijiet illi nġabru minni stess u mill-kollega tiegħi PC1049 hemmhekk fir-residenza ta' Keith Pace u minn hemmhekk wara li għaddiet il-kommossjoni u l-affarijiet u kollox aħna bqajna sejrin lejn is-CID fejn imbagħad litteralment irreġistrajna lil Keith skond il-liġi mal-lockup u kollox, ingħata d-drittijiet tiegħu u kollox imbagħad tħalla ma' l-Ispettur għal further investigations.*

PS430 Andrew St. John iddikjara ulterjorment li huwa ngħata istruzzjonijiet sabiex imur il-Mosta bl-oġġetti elevati mill-fond 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, ħalli jara jekk Josephine Delicata tagħrafx xi ħaġa minnhom. Fir-rigward xehed illi *kemm il-vittma u kemm membri oħra tal-familja kienu familjari ta' l-affarijiet u anke bdew jiddeskrivu ara dik bid-dendula u li kien partikolari hu li membru tal-familja minnhom ippuntali l-lampa fejn kien hemm remnants mil-lampa stess li għandi kemm insemmi fejn il-lampa kellha qisha tiswija qisu threading tape mill-abjad ngħidlu jiena ma' fejn jeħel it-tubu u qalli ara dik it-tiswija jiena stess kont għamiltha qalli għaliex kien hemm il-laxk mat-tubu u qalli niftakar li jiena stess*

*kont għamiltha. Dan kien membru tal-familja tal-vittma. ... Tajjeb ukoll ngħid illi kien hemm membru femminili wkoll mill-familja illi qaltli ara anke l-arloġġ dan għandha ritratt tiegħu ta' kif kien ħalli iktar u iktar nikkonfermawlek illi dak hu u għaddewlna ritratt ta' dan l-arloġġ li ftit wara jien rajtu l-uffiċċju u kkonfermali anke l-Ispettur li isma għadditulna r-ritratt u dan huwa r-ritratt partikolari. F'xi ħin minnhom niftakar diskors bejn membri tal-familja fejn indikaw ukoll l-arloġġ tal-bozza kellu base li kien il-base partikolari anke dak il-base partikolari kien ta' dak l-arloġġ li kellhom huma u li setgħu jiftakru wkoll li minbarra hekk kellu dan fejn jeħel il-base mal-bozza biex jgħatti dak il-gap bejn il-bozza u l-base kellu xi ħaġa partikolari li kellu qisu ħabel dekorattiv biex jgħatti dak il-gap bejn iż-żewġ affarijiet.*

Is-Surġent St. John ippreżenta l-oġġetti li Keith Pace kisser hu u għaddej mill-kuridur tar-residenza tiegħu Nru. 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, u dawn ġew esebiti bħala Dok. "ASJ3", Dok. "ASJ4" u Dok. "ASJ5".

**PS90 Jeffrey Gerada**[53] xehed illi *fit-12 ta' April ta' din is-sena* (ossia 2019) *kont mort assistejt lil sħabi tas-CID, lil PS430 u PC1049, rigward l-arrest ta' Keith Pace li qiegħed nagħrfu preżenti fl-awla fejn dan ovvjament prova jaħarbilhom imbagħad meta morna biex nassistuhom konna niżżilnieh minn fuq kamra minn fuq il-bejt u meta mmanettjajnieh aħna u ħerġin bih hu kien bil-manetti, jiena kont qiegħed warajh u dan kien hemm oġġetti ... fir-residenza tiegħu fejn joqgħod u cioè 49, Triq Stiefnu Zerafa, il-Marsa. Dan qabad u xejjer b'idejh bil-manetti b'kollox fuq oġġetti tal-ħġieġ. L-oġġetti kienu materjal tal-ħġieġ u waħda kienet li jgħidulu arloġġ tal-bozza u kien hemm ukoll qishom xi shades homor bid-denduli magħhom li tahom daqqa minn fuq il-unit li konsegwenza ta' dan kienu waqgħu u inkisru.* Iddikjara li dawn l-oġġetti kienu fil-kuridur, ftit il-ġewwa mill-bieb ta' barra, u cioè fl-intrata tal-fond. Is-Surġet Gerada ġie muri r-ritratti meħuda minn PC1111 Braden Borg - fol. 227 sa' 233 tal-proċess - u huwa għaraf il-fond ta' l-imputat kif ukoll l-oġġetti li kienu f'dan il-fond u li l-imputat tajjarhom minn fejn kienu, tefagħhom ma' l-art u dawn inkisru.

Dak affermat minn PS430 Andrew St. John u minn PS90 Jeffrey Gerada ġie kkonfermat minn **PC1049 William Grech**[54] fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019.

Xehed ukoll l-Espert inkarigat mill-Qorti **Kenneth Vassallo**[55] illi ta stima ta' l-oġġetti elevati mill-fond ta' l-imputat ossia ta' l-arloġġ bil-bozza, tal-lampi ħomor u tal-lusters, liema stima hija għall-valur ta' €3,400.00[56].

Kif iktar 'l fuq osservat, l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, mill-fond 205 "Arcadia" Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, a dannu ta' Josephine Delicata, mara ta' iktar minn

---

[53] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019, fol. 241 u 242 tal-proċess.

[54] Fol. 244 u 245 tal-proċess.

[55] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2021, fol. 559 u 560 tal-proċess.

[56] Dok. "KV" a fol. 561 u 562 tal-proċess.

sittin sena. Qed jiġi mixli wkoll bir-reat alternattiv ta' riċettazzjoni ta' oġġetti derivanti minn serq.

In kwantu rigwarda l-elementi r-reat ta' serq issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini "presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente". Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misapproprjazzjoni. Fil-fatt, kif già ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Li nhar il-5 ta' Diċembru 2018 seħħet serqa minn ġewwa l-fond 205, Arcadia, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, a detriment ta' Josephine Delicata huwa fatt indubitat. Dan ħareġ b'mod ċar ħafna mix-xhieda ta' l-istess Josephine Delicata,

liema xhieda hija ferm konvinċenti u ma ġiet bl-ebda mod kontestata u/jew kontradetta mill-imputat. Li dawn id-diversi oġġetti, jew ta' l-inqas ċertament uħud minnhom insterqu mill-imputat jirriżulta mix-xhieda ta' Antoinette Rapinett, li fiż-żmien kellha relazzjoni ma' l-istess imputat. Antoinette Rapinett qalet li għall-ħabta ta' Novembru/Diċembru ta' l-2018, l-imputat kien ħa diversi oġġetti, li hija ikkonfermat li kienu l-oġġetti murija lilha fir-ritratti A1, A2 u A3 a fol. 125 u 126 tal-Procès-Verbal bin-Numru 374/19, ġewwa l-fond tiegħu Nru.49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, u mill-provi rriżulta li Josephine Delicata għarfet dawn l-oġġetti, in segwitu esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, bħala wħud mill-affarijiet li nsterqu lilha. Rapinett stqarret li għall-ewwel dawn l-oġġetti l-imputat żammhom f'garage ġewwa il-Fgura iżda wara xi żmien tellgħahom id-dar tiegħu ġewwa l-Marsa u poġġihom fl-intratata ta' l-istess dar. Ix-xhieda ta' l-imsemmija Antoinette Rapinett għalhekk tpoġġi l-oġġetti misruqa mill-fond 205, Arcadia, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, fil-pussess ta' l-imputat fl-istess żmien li dawn insterqu. Oltre minnhekk, Antoinette Rapinett stqarret ukoll li l-imputat kien jgħaddi ta' spissa minn quddiem ir-residenza ġewwa l-Mosta, triq din li qabel ma kienux jieħdu, u kien moħħu f'dak li seta' jingħad fir-rigward tas-serqa in kwistjoni, tant illi l-oġġetti in kwistjoni reġa' tellagħhom fid-dar tiegħu biss meta donnu serraħ rasu li ma kienx se jinqabad.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għad-*doctrine of unlawful possession of recently stolen goods* u fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Borg, Appell Nru. 3/2020** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2020, fejn ġiet ċitata s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et" ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998: *it-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti (Vol. LXXIII 1998 Part IV fol. 322). Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21-126. "There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom, and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v. Loughlin, 35 Cr. App. R 69; R. Seymour 38 Cr App. R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery. In R v. Smythe 72 Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed., p. 49 (now 8th ed. p.35). If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence*

*in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence that tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence'. … Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur David Saliba v. Jesmond Gatt*[57] *ġie ikkunsidrat li "Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Practice 1996 pg.18 para F3.28 jiddisponi s-segwenti: "In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced in untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly". Cross and Tapper fil-ktieb tagħhom "Evidence" paġna 35 jagħti l-istess spjegazzjoni għat-teorija in eżami u cioè huma jgħidu s-segwenti:- "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen". … Dwar il-ħin neċessarju sabiex il-pussess jissejjaħ riċenti l-Qorti tagħmel referenza għall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil Cross and Tapper li jgħidu s-segwenti: "It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict". Archbold fl-opera fuq ċitata jgħid:- "Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged". Din it-teorija tal-pussess riċenti tal-ħaġa misruqa ilha għal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tiġi aċċettata u addottata mill-Qrati tagħna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Silvano Cilia" deċiża fil-wieħed u tletin ta' Mejju 2000. Din it-teorija kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija nhar il-ħdax ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-*

[57] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2001.

*ismijiet "Il-Pulizija v. Freddie sive Alfred Zahra" qiegħda hemm sabiex jiġi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta' serq, li għandu fl-ewwel lok jiġi ppruvat li sar, u is-suspettat li għandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-ħin jew żmien wara s-serqa, nexus li purche jiġu stabbiliti r-rekwiżiti kollha ta' din it-tejorija jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pussessur bis-serq ta' l-oġġett misruq għandu ftit tal-ħin wara s-serqa. … Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta' fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa' fuqu. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha mingħajr dubbju ta' xejn tipprova li l-imputat kien fil-pussess taċ-ċekkijiet misruqa f'ċirkostanzi dubbjużi waqt li l-imputat ma offra l-eba spjegazzjoni fl-ebda ħin.*

Id-Difiża ppruvat tiskredita lil Antoinette Rapinett u l-kredibilità tagħha billi tikkontendi li fil-passat già kienet irrappurtat lill-imputat fuq xi każ ieħor, iżda l-Qorti tqis li l-kredibilità ta' din ix-xhud in verità ma ġiet bl-ebda mod mittiefsa. Jibda biex jiġi osservat li mix-xhieda ġuramentata tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke, jirriżulta li Antoinette Rapinett stess infurmat lill-Pulizija, u in segwitu kkonfermat lill-imsemmija Maġistrat, li hija kellha relazzjoni ma' l-imputat u li f'din ir-relazzjoni l-affarijiet mhux dejjem kienu jmorru tajjeb u kienet hi wkoll li nfurmat lill-Pulizija u in segwitu kkonfermat lill-Maġistrat, li già drabi qabel kienet irrappurtat lill-imputat dwar serqiet. B'hekk dan mhux xi fatt li inżamm mistur mill-istess Rapinett. Apparte minhekk il-komportament ta' l-istess imputat meta ġie arrestat, ossia meta letteralment qabad u kines l-affarijiet sussegwentement ippreżentati fl-atti ta' dawn il-proċeduri, u kissirhom, ftit li xejn jagħti konfort lill-istess imputat li ma huwiex ħati ta' reat, u senjatament ħati tar-reat ta' serq ta' l-istess affarijiet. Ma' dan appena osservat irid jiżdied li għalkemm fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija l-imputat afferma li l-oġġetti li kellu fil-fond tiegħu u ġew minnu mkissra kienu tiegħu u ngħataw lilu minn ċerta Rita Debono flimkien mal-fond 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, din l-affermazzjoni baqgħet qatt ma ġiet debitament minnu sopportata u ppruvata u għaldaqstant żgur li ma hijiex biżżejjed u suffiċjenti biex tegħleb mhux biss ix-xhieda ta' Antoinette Rapinett iżda anke l-fatt li Josephine Delicata għarfet l-oġġetti li kienu fir-residenza tagħha bħala l-oġġetti li ġew misruqa lilha.

Fid-dawl ta' dan osservat u fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' serq aggravat bil-mezz, stante li Josephine Delicata sabet il-lock tal-bieb ta' barra tad-dar tagħha żgassat u mkisser, bil-lok, in kwantu l-oġġetti ġew misruqa mir-residenza ta' l-imsemmija Josephine Delicata, u bil-valur stante li l-Espert inkarigat mill-Qorti Kenneth Vassallo ta stima ta' l-oġġetti misruqa, ossia ta' l-oġġetti li nstabu fil-pussess ta' l-imputat fir-residenza tiegħu, għall-valur ta' €3,400, a dannu ta' l-imsemmija Josephine Delicata.

B'hekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija dik ta' riċettazzjoni ta' oġġetti ġejjin minn serqa, liema imputazzjoni hija kjarament alternattiva għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

L-imputat, kif già iktar 'l fuq osservat, qed jiġi mixli wkoll, bil-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, bir-reat ta' sopressjoni, qirda jew tibdil ta' traċċi ta' delitt ai termini ta' l-Artikolu 111(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *Kull min f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'dispozizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati: (a) jekk ir-reat ikun delitt suġġett għall-piena mhux anqas mill-piena ta' priunerija għal żmien ta' sena, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).*

Fir-rigward ta' dan ir-reat issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Gordon Pickard, Appell Kriminali Nru. 76/2015** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru 2016, fejn ġie osservat is-segwenti: *ir-reat kontemplat fl-artikolu 111(2) tal-Kodiċi Krimimali jirrikjedi sopressjoni, qirda jew tibdil tat-traċċi jew l-indizji "materjali" ta' reat. Dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet inveritjeri lill-Pulizija Eżekuttiva ma jwasslux għal dan ir-reat. Din hija disposizzjoni li tittratta traċċi materjali ta' reat. Illi sabiex wieħed jifhem preċiżament x'inhu dan ir-reat huwa neċessarju li wieħed iħares lejn l-evoluzzjoni storika tiegħu. Jibda biex jingħad li l-artikolu 111(2), a differenza tad-disposizzjonijiet l-oħra tas-Sub-titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li ġew introdotti mal-promulgazzjoni tiegħu fis-sena 1854, ġie introdott fis-sena 1909 bħala paragrafu ġdid fi-artikolu 111 (dak iż-żmien artikolu 110) permezz ta' emenda introdotta bl-artikolu 7 ta' l-Ordinanza VIII ta' 1-1909. L-artikolu, fit-test Taljan, kien jgħid hekk: "Alla stessa pena sara soggetto chiunque, fuori dai casi preveduti in altre disposizioni di queste leggi, scientemente sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le tracce o gli indizi di un delitto portante a pena non inferiore al lavori forzati o alla prigionia per un anno." Din id-disposizzjoni ġiet mudellata fuq l-aħħar parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodiċi Penali Taljan ta' l-1889 (ara Mamo, Professor A.J. , Notes On Criminal Law, Vol. II, Revised Ed. 1954-1955, p. 79) li kienet tgħid hekk: "Chiunque, dopo che fu commesso un delitto per il quale è stabilita una pena non inferiore alla detenzione, senza concerto anteriore al delitto stesso, e senza contribuire a portarlo a conseguenze ulteriori, aiuta taluno ad assicurarne il profitto, a eludere le investigazioni dell' Autorità, ovvero a sottrarsi alle ricerche della medesima o alla esecuzione della condanna, e chiunque sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le traccie o gli indizi di un delitto che importi la pena suddetta..." Illi l-leġislatur Malti għamel deċiżjoni konxja li, għal dak li jirrigwarda ir-reat magħruf fl-Italja bħala favoreggiamento, jeskludi parti sostanzjali ta' dak li jikkostitwixxi r-reat analogu f'dak il-pajjiż. Infatti, peress li effettivament hija l-ewwel parti ta' l-artikolu 225 imsemmi li tikkostitwixxi r-reat ta' favoreggiamento, il-legislatur Malti volutament biddel id-definizzjoni tar-reat għal soppressione di prove - definizzjoni ta' reati oħra fil-Kodiċi Penali Taljan kif ser jiġi spjegat. Illi fil-Kodiċi Penali Taljan ta' 1-1930 ir-reat ta' favoreggiamento ġie maqsum fi tnejn. L-artikolu 378 ta' dan il-Kodiċi jittratta r-reat ta' favoreggiamento personale - "dopo che fu commesso un reato, e fuori dei casi di concorso nel medesimo, viene aiutato taluno ad eludere le invesitigazioni dell' Autorità, o a sottrarsi alle ricerche di questa" u l-artikolu 379 jittratta r-reat ta' favoreggiamento reale - "fuori dei casi di concorso nel reato e del casi previsti*

*dagli articoli 648, 648-bis e 648-ter, aiuta taluno ad assicurare il prodotto o il profitto o il prezzo di un reato". Illi skond il-kummentaturi tal-Kodiċi Taljan viġenti, il-formula li r-reat ta' favoreggiamento jinqasam fi tnejn kien pjenament ġustifikat peress li d-differenza bejn iż-żewg reati hija notevoli (vide Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Speciale II, 13° ed., p. 485). Għall-finijiet tad-diskwizzjoni in diżamina dak li huwa verament importanti hu li l-parti tal-Kodiċi Penali Taljan ta' l-1889 li serviet ta' mudell għall-artikolu 111(2) tagħna tħalliet barra mill-Kodiċi Taljan ta' l-1930. Illi l-Antolisei, fl-eżami tiegħu ta' l-artikolu 378 imsemmi, jgħid hekk (op. cit., p. 488): "Per "indagini" si intendono le investigazioni degli ufficiali della polizia e degli organi giudiziari svolte per la ricerca di notizie relative al reato e per acquisire e conservare il material probatorio occorrente per la pronuncia di merito. "Eludere" le indagini significa impedire che esse conducano al risultato a cui sono dirette, il che può ottenersi con i mezzi più svariati, e specialmente con la soppressione od occultamento degli elementi di prova e con la creazione di falsi indizi, salvo che non si tratti dell'ipotesi specifica contemplata nell'art. 374 (frode processuale...)." ... Illi d-deċiżjoni tal-leġislatur Malti kienet waħda ċara - ir-reat kontemplat f'dak li hu illum l-artikolu 111(2) jirreferi biss ghas-soppressjoni ta' traċċi jew indizji ta' reat li neċessarjament għandhom jfissru traċċi jew indizji materjali. Dik il-parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodiċi Penali Taljan ta' l-1889, riprodotta fl-artikolu 378 tal-Kodiċi Taljan ta' l-1930, li tittratta xenarji iktar vasti fosthom interrogatorji tal-Pulizija (vide Manzini, V., Trattato Di Diritto Penale Italiano, Volume V. 5 ed., p. 997), ġiet volutament eskluża mill-liġi Maltija. Illi l-Kodiċi Penali Taljan viġenti jagħti indikazzjoni ċara li r-reat ta' soppressione għandu jirreferi għal traċċi jew indizi materjali. ... Il-Manzini jispjega s-sinjifikat ta' "soppressione", b'referenza għad-dokumenti b'dan il-mod (op. cit., Volume IV, 195): "In questa ipotesi il fatto deve cagionare la scomparsa totale o parziale del documento o del suo contenuto ideale." Illi għalhekk, anke skond il-prinċipju ta' l-ejusdem generis, huwa ċar li s-sopressjoni tat-traċċi jew l-indizji ta' reat jirreferi għal traċċi jew indizji materjali. Din it-teżi hija konfortata mid-deċiżjoni tal-leġislatur Malti li ma jittrasportax dik il-parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodiċi Penali Taljan ta' l-1889 (illum 378 u 379 tal-Kodiċi ta' l-1930) fit-test Malti.*

Mix-xhieda ta' PS430 Andrew St. John, ta' PS90 Jeffrey Gerada u ta' PC1049 William Grech joħroġ ferm ċar kif fil-kors ta' l-arrest tiegħu l-imputat xejjer idejh u letteralment kines l-oġġetti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri għal ma' l-art bil-konsegwenza li dawn inkissru. Una volta li rriżulta li dawn l-oġġetti kienu jifformaw parti mill-oġġetti misruqa mir-residenza ta' Josephine Delicata ġewwa l-Mosta, jsegwi li bl-aġir tiegħu l-imputat għadda biex jeqred it-traċċi materjali tar-reat imwettaq minnu, ossia r-reat ta' serq, bl-aggravanti kollha indikati iktar 'l fuq, a dannu ta' Josephine Delicata.

Konsegwentement għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għall-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bis-sitt imputazzjoni dedotta kontrih l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' ħsara volontarja, liema ħsara, hekk kif jirriżulta mill-provi prodotti twettqet a dannu ta'

Josephine Delicata meta l-imputat kines l-oġġetti lilha misruqa għal ma' l-art u kissirhom, hekk kif irriżulta mix-xhieda già indikati iktar 'l fuq PS430 Andrew St. John, PS90 Jeffrey Gerada u PC1049 William Grech, kif ukoll mill-esebiti ippreżentati fl-atti ta' dawn il-proċeduri markati Dok. "ASJ3" sa' Dok. "ASJ5".

Għaldaqstant anke f'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia l-imputazzjoni ta' ħsara volontarja, fejn id-dannu kawżat jissupera s-somma ta' €2,500 in kwantu mill-provi prodotti jirriżulta li l-oġġetti li kisser l-imputat kellhom valur ta' €3,400.

Bit-**tielet** u **r-raba' imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-18 ta' Jannar 2019, minn fond numru 334, Triq il-Kbira San Ġużepp, ġewwa Santa Venera, u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeċċedi €2,329.37, liema serq sar għad-dannu ta' Maria Muscat, li hija persuna ta' erbgħa u sebħgin sena, u/jew ta' xi persuni u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet, **u** wkoll talli bejn nhar it-18 ta' Jannar 2019 u nhar is-7 ta' April 2019, f'dawn il-gżejjer laqgħa għandu ħwejjeġ misruqa u cioè ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Għall-finijiet ta' l-imputazzjonijiet in kwistjoni xehdet **Maria Muscat**[58] illi iddikjarat li hija kienet għamlet rapport mal-Pulizija fit-18 ta' Jannar 2019 minħabba li sfat misruqa. Iddikjarat li dakinhar hija marret il-quddies tal-5:30p.m. f'Santa Venera u meta waslet lura d-dar sabet taqlib sħiħ. Xehdet illi nsterqet kaxxa bid-deheb u l-iktar oġġetti li għaliha kienu ta' valur, kienu żewġt iċrieket li kienet tagħthomlha ommha talli kienet iddur biha. Fil-kaxxa tad-deheb li nsterqet kien hemm żewġ ġiżirajjen twal, brazzuletta, żewġt iċrieket tat-tieġ, żewġt iċrieket oħra, salib u xi affarijiet oħra. Maria Muscat uriet suspett f'ċertu Gejtu Pace, li jiġi kuġinuha, li seta' kien involut f'din is-serqa u fir-rigward qalet *mort il-quddies jiena fil-5:30 ta' waranofsinhar f'Santa Venera, kien hemm il-kuġin* (ossia Gejtu Pace) *u rajtu jħares lejja. ... Jiena rajtu jħares lejja u ma tajtx kas insomma u għidt dan qatt ma ġie knisja jiena u għidt kif ġie hawnhekk illum. Jiena mort id-dar u nara l-bieb miftuħ u f'qalbi għidt dan żgur Gejtu u meta ġew il-Pulizija għedtilhom Gejtu żgur u ma ġabruhx dak il-ħin imma ġabruh l-għada. ... Imbaġad ġie l-Ispettur u qed ngħidlu u ċempilli u qalli mill-5:30 sas-6 Gejtu ċempel lil Keith 5 darbiet. Imbagħad jiena ma nistax ngħid u għidt mela alright issa jekk issib xi ħaġa għidli. Imbagħad ġie xi ħmistax ilu u qalli inti jimporta tiġi għaliex sibna xi ħaġa. Mort id-depot tal-Pulizija u x'ħin urihomli qbadt nibki, bdejt inbushom kemm niflah u għidtlu li kienu tiegħi dawk.*

Murija d-dokument Dok. "ASJ2", konsistenti f'Evidence Bag bin-Numru S01492485 kontenenti żewġt iċrieket, esebit minn PS430 Andrew St. John waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, Maria Muscat għarfet iż-żewġt iċrieket bħala ċ-ċrieket tagħha li kienu nsterqulha fit-18 ta' Jannar 2019. Dwar il-valur taċ-ċrieket Maria Muscat

---

[58] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, fol. 118 sa' 120 tal-proċess.

iddikjarat li ommha kienet tatha ċurkett kbir, li meta kienet marret tistmah kienu tawha valur ta' bejn €8,000 u €10,000. Hija mbagħad minn dak iċ-ċurkett wieħed ħarġet sitt iċrieket, tnejn minnhom dawn esebiti bħala Dok. "ASJ2", u erba' oħra tathom lin-neputija tagħha.

L-**Ispettur Joseph Mercieca**[59], illi investiga din is-serqa, xehed *fit-18 ta' Jannar ta' din is-sena għall-ħabta tas-7:15p.m. ċertu Maria Muscat li hija anzjana ta' 74 sena kienet għamlet rapport lill-Pulizija tad-Distrett illi wara li kienet irritornat mill-knisja għall-ħabta tas-7p.m. jew tas-7:10p.m. kienet sabet żgass fir-residenza tagħha fin-numru 334, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera. Dan l-inċident ġie a konjizzjoni teigħi l-għada meta kont qed nara r-rapporti, jiġifieri fid-19 ta' Jannar, fejn kont mort inkellem lid-derubata fir-residenza tagħha fejn … spjegatli minn fejn kien insterqilha ammont ta' deheb u kienet indikatli mill-ewwel illi kellha suspett qawwi f'ċertu Gaetano Pace li jiġi prim' kuġin tagħha kif ukoll fin-neputi Keith Pace li huwa l-imputat odjern. Din qaltli illi min daħal kien qalleb biss fejn kellha d-deheb ġo sideboard fil-kitchen/dining combined fuq wara tar-residenza u qaltli li kien hemm ukoll ftit taqlib ġo cupboard fir-rokna opposta fejn kien hemm xi ftit taqlib żgħir. Hi qaltli li kienu ħadulha ammont ta' ġojjellerija li kien miġbur ġo container tal-plastic tat-Tupperware illi skontha b'kollox kienu jammontaw għal €20,000. Jiena kont kellimt lil Gaetano Pace dakinhar stess tad-19 ta' Jannar tas-sena 2019, kont kellimtu b'mod pjuttost informali dakinhar peress illi kull ma kelli sa' dak il-punt kien is-suspett li kienet qed tgħidli d-derubata u din ibbażat is-suspetti tagħha memorjament għall-fatt illi dakinhar tat-18 ta' Jannar, meta marret il-knisja għall-ħabta tas-5:45p.m., kienet innutat illi l-knisja kien hemm dan Gaetano Pace fejn skond hi qalet illi qatt ma kienet ratu hemmhekk qabel. Hi qalet li l-quddies kienet tmur ta' kuljum fl-istess ħinijiet piuttost u qaltli però li lis-Sur Gaetano Pace qatt ma kienet ratu hemmhekk qabel. Qaltli wkoll illi kienet innutat illi s-Sur Pace kien ħareġ mill-knisja qabel bdiet il-quddies tas-6:30p.m. Meta kellimtu lis-Sur Pace kien qalli li hu kull meta jfettillu kien imur il-knisja u meta għidtlu għaliex kien ħareġ mill-knisja qabel il-quddies qalli għaliex hu kien imur biss għar-ružarju li kien jingħadd mid-dehra qabel il-quddies ta' filgħaxija tas-6:30p.m. Sussegwentement kont għamilt request lill-kumpannija GO plc rigward il-mobile number tas-Sur Gaetano Pace illi kien 99253580 u meta bagħtuli lura mill-GO rriżulta illi dakinhar tat-18 ta' Jannar ta' din is-sena, minn xi bejn wieħed u ieħor il-11:30a.m. il-quddiem kien ibbumbardjat b'ammont kbir ta' telefonati mil-linja 79371578 li wara rriżulta illi l-linja kienet ta' l-imputat Keith Pace. Dan irriżultali wkoll illi bejn il-5 p.m. u l-5:03p.m. … kienu saru mhux inqas minn 8 telefonati wara xulxin illi l-ebda waħda minnhom ma kienet imwieġba u rriżultali wkoll illi mill-5:30p.m. sad-7:08p.m., dakinhar stess, kienu saru wkoll nofs tużżana telefonati oħra lill-istess linja jiġifieri lil Gaetano Pace u 3 minnhom irriżultali li saru meta dan Gaetano Pace suppost kien qiegħed jgħid ir-ružarju l-knisja ta' Santa Venera. Sussegwentement imbagħad lil Gaetano Pace kont arrestajtu fil-21 ta' Jannar ta' din is-sena, kont iffaċċjajtu b'dawn il-fatti li kelli quddiemi cioè dawk it-telefonati kollha mil-linja 79371578. Għandi ngħid illi meta mort narrestah kont ġbartu minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, meta kien fil-karozza saritlu*

---

[59] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2019, fol. 149 sa' 152 tal-proċess.

*telefonata, beda jgħid li qed iċempillu xi ħadd Michael, wasalna d-depot, saret telefonata oħra u beda jgidlu li bagħtu għalija l-Pulizija eċċ, qata', saqsejtu min kien qed iċempillu, beda jgħidli ma nafx jista' jkun Michael u jista' ma jkunx Michael. Waqt l-interrogazzjoni kienet saret telefonata minn dik il-linja li kienet għadha kif ċemplitlu kemm fil-karozza aħna u konna ġejjin id-depot kif ukoll waqt li konna d-depot u kien irriżulta li kien qed iċempillu l-imputat Keith Pace. L-ewwelnett lill-imputat Keith Pace ilni nafu snin twal, għaraftu minn leħnu u wara kien l-istess Gaetano Pace illi dak it-telefonata fil-fatt kienet qed issir minn Keith Pace. As such jiena mill-istat fiżiku tas-Sur Gaetano Pace, kien jidher ċar illi ma kienx hu illi daħal fir-residenza ta' l-imputata għar-raġuni illi dan ibati minn ċertu kundizzjonijiet ta' saħħa u jiena ma dehrlix illi kien f'kundizzjoni li jagħmel is-serqa hu. Ovvjament seta' kien kompliċi mas-Sur Keith Pace, però qatt ma kelli suspetti li kien Gaetano Pace nnifsu illi fil-verità wettaq is-serqa tas-Sinjura Maria Muscat. Lil Keith Pace imbagħad konna arrestajnieh wara xi żmien għaliex ma stajtx insibu fis-27 ta' Jannar ta' din is-sena fejn l-istess kont ħadtlu stqarrija irrekordjata bl-audiovisual fejn bażikament kien ikkonfermali illi l-linja 79371578 hija tiegħu* - dan jirriżulta mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Ispettur Mercieca, fol. 279 tal-proċess - *u meta jiena kellimtu dwar dawn it-telefonati qalli jiena liz-ziju Gaetano Pace nċempillu spiss qal għaliex daqqa jiġi għandi għall-flus, daqqa jiġi għandi biex jiekol, daqqa jiġi għandi biex nieħdu grokk whisky u qalli li jċempillu ħafna drabi. Minn dak li ċċekkjajt mill-profile tat-telephone irriżulta illi veru ġieli kien hemm diversi telefonati bejn Keith Pace u dan Gaetano Pace. Qalli wkoll li dakinhar tat-18 ta' Jannar kien fl-akkwati fejn toqgħod id-derubata qalli għaliex mar jiġbor xi pagamenti mingħand ċertu Josemar Borg li joqgħod Triq San Gorg jiġifieri kantuniera kif iddur mar-residenza tad-derubata u qalli wkoll li bejn is-6pm u s-6:30pm kien mar il-confectionary li qiegħda ftit bibien il-fuq mill-fond derbuat għaliex kien qed jagħmel xi negozjati biex jieħu l-ħanut. Sfortunatament kont pruvjat inkellem lil Saviour Brincat, li huwa l-owner tal-confectionary u dan dejjem jgħidli li ġej, ġej, ġej l-uffiċċju tiegħi però sfortunatament ma ġiex qabel id-19 ta' Frar. Kien ikkonfermali s-Sur Brincat illi l-imputat Keith Pace kien ġej u sejjer il-ħanut tiegħu però ma setax jikkonfermali jekk dakinhar tat-18 ta' Jannar fil-verità kienx mar għandu. Ngħid ukoll illi fil-viċinanzi tal-fond derbuat kien hemm diversi cameras tas-sigurtà, inkluż waħda mal-JT minimarket f'numru 340, Triq il-Kbira San Ġużepp, illi tiġi ftit bibien biss il-fuq mill-fond derubat. Kien hemm inkjesta dwar dan il-każ u kien hemm maħtur l-espert forensiku diġitali Dr. Martin Bajada però għal xi raġuni li ma nafx x'kienet dawn il-filmati ma laħqux inġabru qabel ma tħassar kollox. Jiena sussegwentement peress illi fil-kors ta' l-interrogazzjonijiet kemm tas-Sur Gaetano Pace kif ukoll tas-Sur Keith Pace kienu nġabru l-mobiles tagħhom. Fit-28 ta' Jannar ta' din is-sena kont intavolajt rikors sabiex jiġi estiż l-inkarigu ta' l-espert forensiku diġitali Dr. Martin Bajada sabiex issir triangulation tal-mobiles in kwistjoni. Issa jiena sa' fejn naf jien, dan l-eżerċizzju jista' jsir biss f'terminu taż-żmien pjuttost qasir allura jekk sarx jew le ma nafx sinċerament. … Sussegwentement imbagħad jiena kont ġejt infurmat mill-kollega l-Ispettur Shawn Pawney illi kienu nstabu xi oġġetti ta' ġojjellerija illi kienu jiffurmaw parti minn dan il-każ u jiena sussegwentement kont għaddejtlu l-inkartament għall-investigazzjonijiet tiegħi sabiex jieħu over imbagħad il-każ hu. Forsi xi ħaġa illi qabżitli ridt ngħid illi bażikament is-Sur Gaetano Pace kien ikkonferma illi dak li*

*qalli s-Sur Keith Pace illi huma kienu jiltaqgħu spiss, li kien jagħtih il-flus, li kien Imur jiekol għandu, li kienu jieħdu xi grokk flimkien u li kien hemm dan l-amiċizzja bejniethom.*

L-**Ispettur Wayne Camilleri**[60] xehed illi *nhar it-18 ta' Jannar tas-sena 2019, għall-ħabta tas-19:15hrs, jiena dakinhar kont l-Ispettur ta' l-Għassa u ġejt infurmat mill-Għassa tal-Ħamrun li kienet għadha kemm ġiet rapportata serqa minn residenza numru 334, St. Joseph High Street, Santa Venera. Din hija r-residenza viċin il-knisja ta' Santa Venera, ftit l-isfel minnha. Il-Pulizija tad-Distrett kienu telqu mill-ewwel fuq il-post u ftit wara anke jiena ... u ikkonfermajna din is-serqa. Niftakar illi kien hemm taqlib fid-dar kollha, l-iktar fil-living room kif tidħol u fil-kmamar tas-sodda. Hemmhekk tkellimna mal-vittma li hija ċertu Mary Muscat u li hija l-owner ta' din ir-residenza u tgħix hemmhekk ukoll. Kienet qaltilna illi dkinhar kienet ħarġet għall-ħabta tas-18:00hrs fejn kienet marret il-quddies ta' Santa Venera stess li hija viċin u irritornat lura għall-ħabta tas-19:00hrs fejn sabet dan it-taqlib kollu fid-dar tagħha u żgass ukoll mal-bieb. Jiġifieri dan kollu sar f'idk is-siegħa ta' bejn is-18:00hrs u s-19:00hrs. Hi qaltilna li setgħet tinnota li għandha żgur diversi ġojjellerija neqsin u fil-fatt qaltilna li qed tassumi li għandha ammont madwar €20,000 f'ġojjellerija li ġew misruqa. Jiena nfurmajt lill-Maġistrat ta' l-Għassa ta' dakinhar Dr. Aaron Bugeja fejn ordna li tinfetaħ inkjesta u ġew maħtura Dr. Richard Aquilina bħala Perit, Dr. Martin Bajada minħabba li stajna ninnotaw diversi CCTV's li setgħu jassistuna kif ukoll membri tal-forensika biex jagħmlu x-xogħol tagħhom fir-residenza. Rigward dan il-każ, is-Sinjura Mary Muscat kellha suspett f'xi ħadd x'ħin staqsejnieha. Hi semmitilna ċertu Gejtu Pace u dan jiġi xi ziju tas-Sur Keith Pace li qed nagħraf hawnhekk fl-awla. Hi qaltilna li hi bdiet tissusspetta fih għaliex hu jiġi xi ħaġa minnha u qaltilna li dakinhar, xi ħaġa stramba ħafna kienet illi kienet ratu l-knisja waqt li kienet qiegħda hi tattendi hemmhekk, fejn is-soltu ma tarahx hemmhekk lilu u dan kemm daħal u ħareġ qaltilna. Aħna mbagħad hemmhekk bdejna l-investigazzjonijiet tagħna u f'dan l-istadju bdejna nieħdu kollox in consideration. Jiena kont infurmajt lill-Ispettur tas-CID is-Sur Mercieca fuqha wkoll din is-serqa. Li niftakar huwa li konna għamilna interrogazzjoni lis-Sur Keith Pace li qed nagħraf hawnhekk fl-awla relatata ma' din is-serqa fejn waqt l-interrogazzjoni, is-Sur Keith Pace kien ċaħad illi m'għandu x'jaqsam totalment xejn. Staqsejnieh ukoll fuq dan Gejtu Pace u qalilna li iva jiġi minnu u hu jmur għandu spiss però qalilna li hu żgur m'għandu xejn x'jaqsam lanqas. Bl-amment ma niftakarx meta ħadna l-interrogazzjoni. Naf illi ftit ġranet wara għaliex konna għamilna mandat ukoll u konna preżenti jiena, l-Ispettur Mercieca u s-Sur Keith Pace fiha. ... Ħaġ' oħra li jiena kont għamilt qabel din l-interrogazzjoni hija li kont għamilt search fir-residenza ta' fejn joqgħod is-Sur Keith Pace fi Triq Stiefnu Zerafa fil-Marsa iżda m'għandix in-numru tar-residenza. Però hija l-istess residenza fejn għandu l-I.D. Card l-imputat. Minn din it-tfittxija kollox kien irriżulta fin-negattiv waqt din is-search u niftakar illi l-interrogazzjoni kienet saret l-għada.*

[60] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2020, fol. 339 sa' 341 tal-proċess.

L-**Ispettur Shawn Pawney**[61] xehed illi fil-kors ta' l-investigazzjonijiet dwar is-serqa mill-fond 205, Arcadia, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, Antoinette Rapinett, illi kienet għaddiet informazzjoni lill-Pulizija, kienet tatu wkoll *żewġt iċrieket kulur il-fidda li x'aktarx huma tad-deheb abjad, li kellhom diversi fossos li jista' jkun li huma djamanti. Wieħed kellu fossa waħda u l-ieħor kellu ħamsa. ... Hi spjegat kif dawn kienu ġejjin minn Serqa oħra li tinvolvi persuna qariba ta' Keith Pace. Mill-investigazzjoni li għamilna dak il-ħin anki tkellimt ma' l-Ispettur Joseph Mercieca u jidher li l-vittma setgħet kienet Maria Muscat li hija persuna anzjana oħra li kienet ġiet misruqa wkoll waqt li kienet marret il-quddies u kienet ġiet misruqa mir-residenza tagħha li tinsab f'fond 334, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera. Minn din is-serqa kienu nsterqu diversi ġojjelli li skond il-vittma kienu jiswew ma' l-20,000 Ewro. Rapinett qalet li dawn kien għaddihomlha xi żmien ilu Keith Pace li meta kien induna li ser issir tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu, huwa kien ħadhom lura mingħandha u ħbihom. Wara hi kellha xi problemi miegħu u anki kellha każ ta' vjolenza domestika miegħu u ddeċidiet li titlaq mid-dar, ħadet dawn l-oġġetti magħha bi skop li tgħaddihom lili u fil-fatt kienet għaddithomli mingħajr lanqas biss jiena ma kont involut direttament fil-każ. Imbagħad jiena tkellimt mas-Sur Mercieca fuq il-każ u huwa kien kellem lill-vittma Maria Muscat, kien urieha dawn iċ-ċrieket u fil-fatt hi kienet għarfithom anki minħabba l-fatt li hi kienet għamlitlilhom xi alterations biex jiġuha tajjeb. Is-Sur Mercieca kien spjegali wkoll li Keith Pace u anke zijuh Gejtu Pace kienu t-tnejn li huma qed jiġu nvestigati fuq l-istess każ minħabba li anki kienu saru xi localisations fil-konfront taż-żewġ mobiles li kellhom huma li kienu qed ipoġġu liż-żewġ persuni fl-inħawi tal-Knisja ta' Santa Venera li tinsab biswit ir-residenza imsemmija u anki fil-ħin tas-serqa saru diversi messaġġi u calls bejn iż-żewġ numri.*

**PS430 Andrew St. John**[62] ikkonferma li Antoinette Rapinett għadditilhom dawn iċ-ċrieket u fil-fatt dawn tqiegħdu f'Evidence Bag bin-numru S01492485 li ġiet minnu esebita bħala Dok. "ASJ2".

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġt iċrieket **Antoinette Rapinett**[63] stqarret illi *darba fost l-oħrajn Keith Pace fix-xhur ta' bejn Jannar u Frar ta' din is-sena u allura tas-sena 2019 kien ġabli dawn iż-żewġ crieket però peress li Keith anke jislef xi flus ġieli kien hemm drabi li roddewlu oġġetti oħra flok flus u allura jiena ħsibt li dan jista' jkun li ġewh b'hekk. Allura ma tantx inkwetajt. Apparti minn hekk huwa ukoll iħobb ikollu l-ġojjellerija u allura ma kienx tani rendikont minn fejn setgħu ġew dawn iċ-ċrieket. Fil-fatt kont anki noħroġ bihom u lanqas kont nobsor li kienu djamanti. Fil-fatt anke kont naħsel l-art u mmur l-iskola u anke ħdejn l-għassa ġieli mort bihom. Darba fost l-oħrajn kien is-Sibt wara nofsinhar, Keith waqaf biex jiffirma l-Għassa tal-Ħamrun u kien hemm is-Surġent 827, ħareġ barra ikellem lil Keith u dan qallu ifhimni ħabib kif nitkellmu s-soltu għall-ħabta ta' erbgħa għandu jiġi Wayne, l-Ispettur Wayne, l-Ispettur Wayne Camilleri jagħmillek raid, li għandek teħles minnu, eħles jew għid lis-sinjura teħles minnu.*

[61] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2019, fol. 73 sa' 76 tal-proċess.

[62] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, fol. 79 sa' 84 tal-proċess.

[63] Xhieda ġuramentata quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke waqt seduta miżmuma fis-16 ta' April 2019, fol. 128 sa' 136 tal-Procès-Verbal bin-numru 374/19.

*Wara dak il-ħin Keith qalli biex ineħħihom minn fuqi u ħbewhom huma stess. ... Huma ma poġġewhomx fis-safe mad-deheb tiegħu, għamlu żmien ġewwa d-dar ta' ommu u mbagħad huwa poġġiehom ġewwa komodina fl-ewwel sular f'kamra li tinsab fl-istess sular. Irrid inżid ngħid ukoll li fl-istess żmien beda jidher iz-ziju ta' Keith ċertu Gejtu li dan qatt ma kien jidher 'l hemm u f'daqqa waħda beda jiġi spiss id-dar u beda jgħid lil Keith li kienu arrestawh u kellmuh u li kienu qed jissusspettaw fuqhom f'xi serqa. Darba smajthom isemmu lil xi ħadd ħa xi ċrieket. ... qabel ma ħriġt mid-dar fit-tmienja (8) ta' April ... tas-sena 2019 peress li ħassjet li Keith seta' jeħlisha ddeċidejt li nġibhom biex ngħaddihom lilkom u għalhekk meta inti* (ossia l-Ispettur) *kellimtni s-Sibt, tlettax ta' April, minn jeddi għaddejthomlok peress li ssusspetajt li dawn kienu ġejjin minn serq.*

L-**Espert Tekniku Dr. Martin Bajada** ppreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MB" a fol. 398 sa' 416 tal-proċess, fit-28 ta' Settembru 2020. Flimkien ma' din ir-Relazzjoni hemm il-*call profile* tan-numru 79371578 li mix-xhieda ta' l-Ispettur Mercieca u mill-istqarrija ta' l-imputat rilaxxata lill-imsemmi Spettur, jirriżulta li huwa n-numru tal-mobile ta' l-istess imputat. Mill-*call profile* in kwistjoni jirriżulta li l-imputat kien fl-inħawi tal-Knisja ta' St. Venera, li tiġi ftit il-bogħod mir-residenza ta' Maria Muscat, nhar it-18 ta' Jannar 2019 bejn 17:48:02 u 18:30:45 u li b'mod partikolari bejn 18:05:21 u 18:30:32 għamel telefonati lejn in-numru 99253580, li rriżulta li huwa n-numru ta' zijuh Gaetano Pace.

L-Espert inkarigat mill-Qorti **Lee Satariano**, li kellu l-inkarigu li jagħti stima tal-valur taċ-ċrieket esebiti bħala Dok. "ASJ2", ippreżenta l-istima tiegħu fid-19 ta' Jannar 2019, Dok. "LS" a fol. 449 tal-proċess, u minnha jirriżulta li ċ-ċurkett solitaire għandu valur ta' €3,180, filwaqt li ċ-ċurkett semi-eternity għandu valur ta' €1,780.

Meta dak li jirriżulta minn dawn il-provi jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi dwar l-elementi tar-reat ta' serq kif imfissra fis-sentenza iktar 'l fuq ċitata fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Adrian Valletta" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu 2019, u meta dak dikjarat bil-ġurament minn Antoinette Rapinett li, jiġi ribadit il-kredibilità tagħha ma ġietx imxejna mill-imputat, għalkemm ipprova, jiġi kkunsidrat fid-dawl tad-duttrina ta' *unlawful possession of recently stolen goods* kif imfissra fis-sentenza iktar 'l fuq ċitata fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Borg" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għas-serqa mertu tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu a dannu ta' Maria Muscat.

Fir-rigward ta' din is-serqa mbagħad hemm fattur ieħor li jimmilita kontra l-imputat u cioè l-presenza tiegħu, hekk kif jirriżulta mill-call profile tan-numru 79371578 esebit mill-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada, fl-inħawi tal-fond 334, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, dakinhar tat-18 ta' Jannar 2019 fil-ħinijiet li twettqet is-serqa. Meta dan il-fatt jiġi kkunsidrat ma' l-elementi l-oħra kollha, inkluż il-fatt li l-imputat ma tax spjega adegwata ta' x'kien qed jagħmel f'dawk l-inħawi proprju dakinhar u kif iċ-ċrieket ta' Maria Muscat ġew fil-pussess tiegħu, tinħoloq katina li tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa

effettivament ħati li wettaq is-serqa a detriment Maria Muscat nhar it-18 ta' Jannar 2019.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għall-prinċipji ġuridiċi li jirregolaw il-valur probatorju tal-prova indizzjarja: *il-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistgħu raġjonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-Liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużżjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' univoċità tagħha, cioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-Liġi. .... Kif ingħad fil-każ Ingilterra DPP v. Kilbourne, meta l-provi indizzjarji ġew imqabbla mal-kordi tal-ħabel: "One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence - there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of"*[64].

Fid-dawl ta' dan osservat u fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' serq aggravat bil-mezz, stante li Maria Muscat sabet il-lock tal-bieb ta' barra tad-dar tagħha żgassat, bil-lok, in kwantu l-oġġetti ġew misruqa mir-residenza ta' l-imsemmija Maria Muscat, u bil-valur stante li l-Espert inkarigat mill-Qorti Lee Satariano ta stima taċ-ċrieket misruqa għall-valur globali ta' €4,960, a dannu ta' l-imsemmija Maria Muscat.

B'hekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija dik ta' riċettazzjoni ta' oġġetti ġejjin minn serqa, liema imputazzjoni hija kjarament alternattiva għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Bis-**seba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli kiser waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digrieti għall-ħelsien mill-arrest akkordat lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Simone Grech nhar is-16 ta' Ottubru 2018, liema kondizzjonijiet kienu mogħtija lilu kontra depożitu ta' €200 u garanzija personali ta' €5,000.

---

[64] Il-Pulizija v. Joseph Grech, Appell Nru. 615/2016, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2017.

B'referenza għal din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Simone Grech fis-16 ta' Ottubru 2018, Dok. "A" a fol. 199 tal-proċess[65]. Dan id-Digriet ingħata fir-rigward ta' l-imputat odjern kif ikkonfermat mill-Ispettur Shawn Pawney waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2019[66], illi kien wieħed mill-Prosekuturi fil-proċeduri fejn ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Mid-Digriet in kwistjoni joħroġ ferm ċar li fost il-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat hemm il-kondizzjoni li huwa ma jwettaqx reat ieħor ta' natura volontarja tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest.

Iż-żewġ serqiet li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri twettqu fil-5 ta' Diċembru 2018 u fit-18 ta' Jannar 2019, rispettivament, ossia żmien qasir wara li kien ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest imsemmi. In oltre r-reat ta' sopressjoni jew qirda ta' traċċa materjali ta' reat u r-reat ta' ħsara volontarja a detriment ta' Josephine Muscat, twettqu dakinhar ta' l-arrest tiegħu f'April 2019. Minn dan jirriżulta għalhekk li l-imputat effettivament kiser kondizzjoni imposta fuqu għall-finijiet ta' ħelsien mill-arrest bid-Digriet tas-16 ta' Ottubru 2018. Konsegwentement għalhekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tmien imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli ikkommetta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. MarseAnn Farrugia nhar l-14 ta' Ġunju 2017.

Is-sentenza imsemmija fit-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat ġiet esebita minn Maria Dolores Fenech, Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, bħala Dok. "DF2" a fol. 354 sa' 368 tal-proċess. Hija kkonfermat li s-sentenza in kwistjoni hija finali. Mill-konnotati ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri, hekk kif jirriżulta mis-sentenza stess, jirriżulta ppruvat li l-imsemmija sentenza ingħatat fil-konfront ta' l-imputat odjern. B'dik is-sentenza l-imputat kien instab ħati ta' reati ta' serq u ħsara volontarja u ġie kkundannat għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin.

Ladarba r-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati b'dawn il-proċeduri twettqu fil-5 ta' Diċembru 2018, fit-18 ta' Jannar 2019 u fit-12 ta' April 2019 huwa evidenti li huwa wettaq tali reati waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jirriżulta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bid-**disa' imputazzjoni** dedotta kontrih l-imputat qed jiġi mixli talli kkommetta reat fil-perijodu ta' Probation u Servizz fil-Komunità impost fuqu b'sentenza mill-

---

[65] Esebit mill-Ispettur Shawn Pawney waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2019, fol. 197 u 198 tal-proċess.

[66] Fol. 197 u 198 tal-proċess.

Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud nhar is-17 ta' Jannar 2017.

Is-sentenza in kwistjoni ġiet esebita minn Maria Dolores Fenech, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, fit-3 ta' Marzu 2020, bħala Dok. "DF1" a fol. 343 sa' 353 tal-proċess. Ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali kkonfermat li is-sentenza in kwistjoni hija finali.

Min-numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat kif riportat fis-sentenza jirriżulta li l-imputat f'dawk il-proċeduri huwa l-istess imputat fil-proċeduri odjerni. B'dik is-sentenza l-imputat kien instab ħati tar-reati addebitati lilu, ħlief għal dak li ġie dikjarat bħala reat alternattiv, u tqiegħed taħt Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' tlett snin kif ukoll taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità għal 480 siegħa.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat wettaq ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri, li kif ingħad twettqu fil-5 ta' Diċembru 2018, fit-18 ta' Jannar 2019 u fit-12 ta' April 2019, fil-perijodu ta' Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità. Konsegwentement għalhekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bl-**għaxar imputazzjoni** dedotta kontrih, l-imputat qed jingħata l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

L-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija, li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor*, u l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor*. L-Artikolu 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu* (Fuq is-Serq)*, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

Il-Prosekuzzjoni tramite x-xhud Eunice Grech Fiorini[67], Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, esebiet diversi sentenzi[68] li mill-konnotati li jirriżultaw minnhom kjarament ingħataw fil-konfront ta' l-imputat odjern. B'hekk jirriżulta li l-imputat għandu jinstab li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll ta' l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan

[67] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2021, fol. 453 u 454 tal-proċess.

[68] Dok. "EG1" sa' Dok. "EG16" a fol. 455 sa' 556 tal-proċess.

ta' l-aħħar pruvat b'mod partikolari mis-sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Keith Pace" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Diċembru 2014[69], "Il-Pulizija v. Keith Pace" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Jannar 2011[70] u "Il-Pulizija v. Keith Pace" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu 2017[71], u jirriżulta li huwa reċidiv ukoll ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li tagħhom qed jinstab ħati iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak li irriżulta mix-xhieda ta' Brian Gialanze[72], Kappillan tal-Kalkara, tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler[73] u ta' Charlene Galea[74], in rappreżentanza ta' l-OASI. Minn din ix-xhieda fil-fatt jirriżulta li l-imputat għamel passi kbar il-quddiem u qed jibbenefika sew mis-support li qed jingħata kemm mill-Probation Officer imsemmi, kif ukoll mill-Kappillan tal-Kalkara u anke mill-OASI fejn jidħol il-vizzju ta' l-abbuż tad-droga. Dan l-aspett pożittiv tal-mixja l-quddiem ta' l-imputat joħroġ b'mod ċar min-Noti ta' Andament ippreżentati mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, partikolarment dawk ippreżentati fit-8 ta' Marzu 2022[75], fid-29 ta' April 2022[76], fid-19 ta' Ottubru 2022[77], 8 ta' Frar 2023[78] u fit-13 ta' Novembru 2023[79].

Madanakollu però, in kwantu rigwarda t-twettiq ta' reat waqt il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak provdut fl-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta: *jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti - (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret*

[69] Dok. "EG11" a fol. 526 sa' 529 tal-proċess.

[70] Dok. "EG13" a fol. 532 sa' 535 tal-proċess.

[71] Dok. "EG16" a fol. 544 sa' 556 tal-proċess.

[72] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 579 u 580 tal-proċess.

[73] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 581 sa' 583 tal-proċess.

[74] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2022, fol. 630 sa' 633 tal-proċess.

[75] Fol. 628 tal-proċess.

[76] Fol. 635 tal-proċess.

[77] Fol. 642 tal-proċess.

[78] Fol. 644 tal-proċess.

[79] Fol. 653 tal-proċess.

*dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat*. Ikkunsidrat ukoll li huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li f'tali ċirkostanza l-Qorti għandha tittratta ma' l-imputat/ħati għar-reat li dwaru tkun saret tali ordni[80]. In oltre kkunsidrat dak provdut fl-Artikolu 23(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *bla ħsara għad-dispożizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattat għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)*, u dak provdut fl-Artikolu 28A(7)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin - … (ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew liberazzjoni taħt kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation*.

In kwantu rigwarda r-reati li tagħhom l-imputat instab ħati bis-sentenza pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Jannar 2017 u tqiegħed taħt Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità, il-Qorti tosserva li r-reati seħħew fis-6 ta' Lulju 2013, ossia qabel l-Artikoli 308 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew rispettivament emendat u sostitwit bl-Att XXIV ta' l-2014, liema Att daħal fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 2014[81]. B'hekk il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak provdut fl-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi*.

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u li r-raba' imputazzjoni hija alternattiva għat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih. Ikkunsidrat ukoll li l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tiġi assorbita fis-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li fil-każ in eżami hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu rigwarda l-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat, kif ukoll l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat u kkunsdrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 49, 50, 111(1)(2)(a), 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2) u l-proviso ta' l-istess, 289, 325(1)(a) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tielet, il-ħames, is-sitt, is-seba' u l-għaxar imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn l-imputat qed jagħmel l-almu kollu tiegħu biex jegħleb il-vizzju tad-droga u diversi problemi soċjali oħra li għandu, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputat, is-sorveljanza tiegħu

---

[80] Il-Pulizija v. Omissis, Appell Kriminali 565/2016 deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' Lulju 2023.

[81] Avviż Legali 275 ta' l-2014.

minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata l-kontinwata rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga u l-hajja ta' kriminalità, kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lil Josephine Delicata s-somma ta' €3,400 rappreżentanti l-valur ta' l-oġġetti li ġew misruqa minnu u li in segwitu ġew minnu mkissra wara li nstabu fil-pussess tiegħu mill-Pulizija Eżekuttiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska tad-depożitu ta' €200 impost fuq l-imputat għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest konċess lilu bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Simone Grech fis-16 ta' Ottubru 2018.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28A u 28B(1)(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress illi fid-dawl tal-fatt li l-imputat illum qed jagħmel l-almu kollu tiegħu biex jiffaċċja u jittratta l-problemi tiegħu, partikolarment il-problema ta' l-abbuż tad-droga, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni oriġinali ta' sospensjoni ta' erba' (4) snin imposti bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Keith Pacea" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Ġunju 2017, għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni, reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 308, 310(1)(b) u 334(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' ħames (5) xhur priġunerija effettiva.

Peress illi l-imputat già kien ġie kkundannat għall-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta in forza tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Keith Pace" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud fis-17 ta' Jannar 2017, din il-Qorti ma hijiex ser terġa' timponi piena oħra u ulterjuri fuqu.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-segwenti ammonti:

- Is-somma ta' €307.90 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Numru 374/19[82];
- Is-somma ta' €539.73 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Legali Dr. Anthony Cutajar fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nurmu 374/19[83];
- Is-somma ta' €253.40 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina tas-Scene of Crime Officer PC405 Jason Schembri fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nurmu 374/19[84];
- Is-somma ta' €53.39 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina tas-Scene of Crime Officer PC1491 Kurt Attard fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nurmu 374/19[85];
- Is-somma ta' €87.27 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' Dr. Raisa Colombo għall-fini tat-traskrizzjoni ta' l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat[86];
- Is-somma komplessiva ta' €811.47 rappreżentanti spejjez in konnessjoni man-nomini ta' l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joseph Mallia[87];
- Is-somma ta' €321.69 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina tal-Espert Tekniku l-Perit Richard Aquilina fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Numru 955/19[88];
- Is-somma ta' €156.05 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina tas-Scene of Crime Officer PC1111 Braden Borg fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Numru 955/19[89];

---

[82] Fol. 31 tal-Procès-Verbal Numru 374/19.

[83] A tergo ta' fol. 55 tal-Procès-Verbal Numru 374/19.

[84] A tergo ta' fol. 55 tal-Procès-Verbal Numru 374/19.

[85] A tergo ta' fol. 114 tal-Procès-Verbal Numru 374/19.

[86] A tergo ta' fol. 301 tal-proċess.

[87] Fol. 331 tal-proċess u fol. 435 tal-proċess.

[88] Fol. 26 tal-Procès-Verbal Numru 955/19.

[89] Fol. 35 tal-Procès-Verbal Numru 955/19.

- Is-somma ta' €50.39 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina tas-Scene of Crime Officer PC405 Jason Schembri fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Numru 955/19[90];
- Is-somma ta' €1,020.70 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajda fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Numru 955/19[91];
- Is-somma ta' €118.00 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Lee Satariano[92];
- Is-somma ta' €236.00 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Kenneth Vassallo[93];

Komplessivament ammontanti għal **€3,955.99**.

L-imputat għandu jħallas tali ammont komplessiv ta' €3,955.99 permezz ta' tnejn u erbgħin (24) rata mensili konsekuttiva ta' €164.83 il-waħda sal-ħlas tas-somma intiera msemmija. L-ewwel rata ta' €164.83 issir dovuta u pagabbli fl-24 ta' Ġunju 2024 u r-rimanenti rati sussegwenti u konsekuttivi ta' €164.83 il-waħda sal-ħlas intier tas-somma ta' €3,955.99, isiru dovuti u pagabbli fl-erbgħa u għoxrin ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar rata' waħda mir-rati mensili hawn imposti fuqu, is-somma ta' €3,955.99 jew kwalunkwe bilanċ dovut minnha ssir dovuta u pagabbli fl-intier tagħha b'mod immedjat u kemm-il darba l-ammont dovut jibqa' ma jitħallasx mill-imputat, jiskattaw fil-konfront tiegħu l-provvedimenti ta' l-Artikolu 533(2) jew (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

90 Fol. 35 tal-Procès-Verbal Numru 955/19.

91 Fol. 404 tal-proċess.

92 A tergo ta' fol. 449 tal-proċess.

93 A tergo ta' fol. 565 tal-proċess.